**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**
**(Spettur Stephen Mallia)**

**vs.**

**Romeo Bone**

Numru 214/2007

Illum 17 ta' Mejju 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Romeo Bone**, iben Joseph u Anna neé Zarb, imwieled Pietà nhar it-28 ta' Marzu 1976, u li joqghod numru 13, Triq Pietro Floriani, Floriana, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 195376M, akkuzat talli b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda u cioé:

1. fit-8 ta' Frar 2007, ghall-habta tat-8.00pm, fl-istabbiliment *Diamonds International*, formanti parti mill-*Luxe Pavilion* fi Triq il-Knisja, San Giljan, flimkien ma' persuni ohra mhux maghrufa, ikkommetta serq ta' kwantita' ta' gojjellerija u/jew

oggetti ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-hin, u bil-valur li jeccedi l-elf Lira Maltin (Lm1000)[1], u li sar ghad-detriment tas-socjeta' *Classic Group Co. Ltd.* u/jew ta' persuni ohra;

2. fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, bla ordni skont il-Ligi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha' lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm, jew issekwestra lil Irina Zarb u Doreen Zammit, impjegati fl-istabbiliment *Diamonds International*, u lill-koppja Romeo Galea u Doris Galea, li kienu gewwa l-istabbiliment *Bristow Potteries* fil-kumpless *Luxe Pavilion*;

3. fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta' serq kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari;

4. fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, garr arma tan-nar minghajr licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija;

5. fil-31 ta' Mejju 2006, ghall-habta tal-5.00pm, minn Triq Manwel Magri, Hamrun, ikkommetta serq ta' vettura Peugeot 106, numru tar-registrazzjoni DAN 691, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-elf Lira Maltin (Lm1000)[2], u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-dannu ta' Robert Briffa u/jew ta' persuni ohra;

6. fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, kif indikat fil-paragrafu ta' qabel, ikkommetta serq ta' diversi oggetti, fosthom kwantita' ta' ghodod u *computer* minn vettura numru DAN 691, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-elf Lira Maltin (Lm1000)[3] u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-dannu ta' Robert Briffa u/jew ta' persuni ohra;

[1] €2329.37.
[2] *Ibid.*
[3] *Ibid.*

7. fis-6 ta' Novembru 2006, ghall-habta ta' nofsinhar, minn Triq is-Sajjieda, Marsa, ikkommetta serq ta' vettura Peugeot Partner, numru tar-registrazzjoni CBL 527, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-elf Lira Maltin (Lm1000)[4] u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-dannu ta' Carmel Genovese u/jew ta' persuni ohra;

8. fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, kif indikat fil-paragrafu ta' qabel dan, ikkommetta serq ta' diversi oggetti, konsistenti l-iktar f'merkanzija ta' hwejjeg, minn vettura numru CBL 527, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-elf Lira Maltin (Lm1000)[5] u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-dannu ta' Carmel Genovese u/jew ta' persuni ohra;

9. fil-lejl ta' bejn id-9 u l-10 ta' Jannar 2007 minn Triq l-Arkati, Birkirkara, ikkommetta serq ta' par tarek tar-registrazzjoni bin-numru DRN 182 minn vettura Volkswagen Polo, liema serq huwa kkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa u bil-hin u li sar ghad-dannu ta' Dorianne Gouder u/jew ta' persuni ohra;

10. fit-8 ta' Frar 2007 u/jew fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, ikkommetta serq ta' par tarek tar-registrazzjoni bin-numru HAI 276 minn fuq vettura Ford Transit, liema serq huwa kkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-dannu ta' Clive Agius u/jew ta' persuni ohra;

11. fit-8 ta' Frar 2007 u/jew qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reati, jew, xjentement, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxiehom;

12. fit-8 ta' Frar 2007, ghall-habta tat-8.00pm, u/jew fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz billi biddel it-tarek tar-

[4] *Ibid.*
[5] *Ibid.*

registrazzjoni fuq vetturi bin-numri tar-registrazzjoni originali DAN 691 (instabet bin-numru falz DRN 182); CBL 527 (instabet bin-numru falz HAI 276) u HAI 276 (instabet bin-numru falz DAN 691);

13. talli fit-8 ta' Frar 2007, ghall-habta tat-8.00pm u/jew fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat billi wahhal diversi tarek tar-registrazzjoni foloz fuq vetturi bin-numri tar-registrazzjoni originali: DAN 691 (instabet b'numru falz DRN 182); CBL 527 (instabet f'numru falz HAI 276) u HAI 276 (instabet f'numru falz DAN 691);

14. irrenda ruhu recidiv *ai termini* tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li hu gie misjub hati ta' diversi reati, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz, inkluz il-filmat tal-access mizmum fl-10 ta' Gunju 2008 (Dok. "AB" – *a fol.* 690).

Rat il-Process Verbal bin-Numru 520/07 redatt mill-Magistrat Inkwirenti Dr. Audrey Demicoli fejn ikkonkludiet is-segwenti:

> "Illi permezz tar-rikors tal-20 ta' Marzu 2007, l-iSpettur Joseph Mercieca talab lill-Magistrat Inkwirenti li jinghalaq dan il-process verbal, *stante* li l-Pulizija diga' ressqet quddiem il-Qorti nhar it-18 ta' Marzu 2007, lil Romeo Bone, in konnessjoni mar-reat imsemmi sabiex jinbdew proceduri kriminali fil-Qorti.
>
> Il-Magistrat Inkwirenti, wara li rat il-konkluzjonijiet tal-esperti minnha mahtura, b'mod partikolari r-relazzjoni tal-espert Joseph Mallia, jidhirlha li jistghu jttiehdu proceduri kriminali kontra Romeo Bone (detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 195376(M)), in konnessjoni mal-*hold-*

*up*, li sar fit-8 ta' Frar 2007, mill-hanut *Diamonds International*, San Giljan".[6]

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 747) datata 20 ta' Marzu 2009 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

(a) fl-Artikoli 18, 261(a)(b)(c)(f); 262(1)(a)(b)(2); 263(b); 267; 270; 276; 276A; 277(b); 278; 279; 280(2); 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) fl-Artikoli 86 u 87(1)(c)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) fl-Artikoli 3(a), 5(1), 41, 51, 55(a), 56, 57 u 61 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) fl-Artikoli 3(a) u 5(1) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
(e) fl-Artikoli 18, 261(c)(g), 267, 271(g), 279(b), 280(1), u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(f) fl-Artikoli 18, 261(c)(g), 267, 271(g), 279(b), 280(1), u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(g) fl-Artikoli 18, 261(c)(g), 267, 271(g), 279(b), 280(1), u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(h) fl-Artikoli 18, 261(c)(g), 267, 271(g), 279(b), 280(1), u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(i) fl-Artikoli 18, 261(f)(g), 270, 271(g), 281 u 282 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(j) fl-Artikoli 18, 261(g), 271(g), 281 u 282 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(k) fl-Artikoli 18 u 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(l) fl-Artikoli 188, 189, u 189A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(m) fl-Artikoli 188, 189, u 189A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(n) fl-Artikoli 49, 50, 51, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(o) fl-Artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tal-25 ta' Marzu 2009 (*a fol.* 749), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fl-20 ta' Marzu 2009 (*a fol.* 747), f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

---

[6] *A fol.* 11 tal-Inkjesta Magisterjali li tinsab *a fol.* 190A.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef (*a fol.* 985 *et seq.*).

Rat illi, fis-seduta tal-20 ta' Ottubru 2015 (*a fol.* 989), il-Prosekuzzjoni u d-difiza ezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Rat illi, fis-seduta tal-20 ta' Ottubru 2015 (*a fol.* 989), il-Prosekuzzjoni ddikjarat li kienet ser tistrieh fuq dak li kien diga gie sottomess minnha quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Rat illi, fis-seduta tal-20 ta' Ottubru 2015 (*a fol.* 989), il-Qorti kif preseduta ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza u stiednet lid-difiza sabiex fis-seduta ta' wara taghmel is-sottomissjonijiet ulterjuri li ddikjarat li xtaqet taghmel.

Semghet, fis-seduta tat-3 ta' Frar 2016, lid-difiza taghmel is-sottomissjonijiet finali ulterjuri taghha bil-fomm, liema sottomissjonijiet jinkludu wkoll sottomissjonijiet ulterjuri tal-Prosekuzzjoni (*a fol.* 991 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tat-30 ta' Marzu 2007, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Joseph Mercieca** (*a fol.* 53 *et seq.*) fejn ezebixxa numru ta' dokumenti, li jinkludu diversi stqarrijiet rilaxxati mill-imputat, sentenza u ritratti, liema dokumenti gew immarkati minn Dok. "JM 1" sa "JM 8" (*a fol.* 25 *et seq.*).

L-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Joseph Mercieca** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2007 (*a fol.* 336 *et seq.*) fejn ta

spjegazzjoni fid-dettall fiex kienu jikkonsistu l-investigazzjonijiet tieghu u dana in segwitu tal-*hold-up* li sar fil-hanut *Diamonds International* li jinsab fil-*Luxe Pavilion*. Jghid: *"Din [Zarb] qaltilna li hija fethet minghajr ma harset biex tara min hemm mal-bieb peress li dak kien il-hin illi kienu jigu s-security tal-Portomaso biex qabel jaghlqu normalment kienu jkunu prezenti fuq il-post"* (*a fol.* 337). Jghid li dakinhar hu gie mgharraf minn PS 419 li quddiem l-Ghassa tal-Pulizija kien hemm *van* abjad Peugoet 106 bin-numru ta' registrazzjoni DRN 182 li kienet qed timblokka l-vettura tal-Pulizjja meta mill-Ghassa riedu jaccedu ghal fejn kien sar il-*hold-up*. Jghid li dakinhar gie mgharraf ukoll mill-*mobile unit* li kienet instabet Peugeot Partner bin-numru ta' registrazzjoni HAI 276 gewwa Triq il-Gizimin, Swieqi. Jixhed li dawn in-numri rrizulta li kienu jippartjenu *van transit* li jghajjat lil Luciano Galea mill-belt Valletta u li n-numri t-tajba kienu CBL 257. Jghid li meta Galea gie kkuntattjat dan qalilhom li dak il-*van* kien ghamlu fuqu certu Romeo Bone pero hu (Galea) qatt ma kellu x'jaqsam mal-vettura.

L-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Joseph Mercieca** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2012 (*a fol.* 915) fejn, fuq talba tad-difiza, ipprezenta l-fedina penali ta' Mario Briffa li giet immarkata bhala Dok. "JM/MB" (*a fol.* 916 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-30 ta' Marzu 2007, xehed ukoll l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Stephen Mallia** (*a fol.* 57 *et seq.*) rigward uhud mid-dokumenti ezebiti mill-iSpettur Mercieca.

L-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Stephen Mallia** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-2 ta' Novembru 2007 (*a fol.* 518 *et seq.*) fejn gie mistoqsi domandi rigward dokumenti li gew ezebiti u mmarkati bhala Dok. "SM 1" sa "SM 6" (*a fol.* 524 *et seq.*)

Illi, fis-seduta tat-30 ta' Marzu 2007, xehed ukoll **Paul Fenech** (*a fol.* 59 *et seq.*) fejn spjega li huwa Chairman tal-*Classic Group* li fiha tinkorpora *Classic Jewellers* u *Diamonds International*. Jghid li sehh *hold-up* fil-hanut li jinsab fil-*Luxe Pavilion* gewwa Portomaso. Spjega li fil-hanut kien hemm zewg impjegati: Irina Zarb u ohra li ma jafx x'jisimha. Jghid li gie mhejji dokument li fih hemm indikat

x'gie nieqes, liema dokument gie mmarkat bhala Dok. "PF" (*a fol.* 76 *et seq.*). Jghid li l-ammonti ndikati f'dan id-dokumenti huwa l-*cost price* tal-oggetti in kwistjoni. Jixhed li fil-hanut ghandhom *alarm* u *CCTV camera* u li huwa ra l-filmat pero ma jafx jekk dan giex moghti lil xi hadd jew le. Jghid: *"jiena primarjament ma kontx hawn Malta, […] anke kieku kont hawn Malta jiena ma nistax nghid bi precizjoni jigifieri dawk l-items kollha serquhomx u min seraqhom pero bil-logika u bil-kunfidenza li ghandi kemm fl-istaff u kif ukoll fis-sistema tieghi jiena I have reasons to believe li up to that very moment ma kellniex diskrepanzi"* (*a fol.* 70).

Fl-Inkjesta Magisterjali[7], fl-14 ta' Frar 2007, **Paul Fenech** jghid li l-*hold-up* saret ghad-dannu ta' *Classic Group Limited* u pprezenta lista ta' oggetti li naqsu liema lista giet immarkata bhala Dok. "PF 1" (*a fol.* 87 *et seq.* tal-Inkjesta Magisterjali[8]).

Illi, fis-seduta tat-30 ta' Marzu 2007, xehed ukoll **Albert Edward Cardona** (*a fol.* 80 *et seq.*) fejn spjega li huwa direttur tal-kumpanija *Fogg Insurance Agencies Limited* u li l-kumpanija ta' Fenech hija assigurata maghhom. Jghid li l-ghada tas-serqa l-ammont misruq ma kienux jafuh, pero jghid li kien madwar Lm100,000.

**Albert Edward Cardona** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-13 ta' April 2007 (*a fol.* 294 *et seq.*) fejn ezebixxa kopja tal-*claim form* li ghamel Paul Fenech u d-dokumenti fir-rigward tal-ammont in kwistjoni. Dawn jinsabu f'*envelope* li gie mmarkat bhala Dok. "AC" (- *a fol.* 295A).

Illi, fis-seduta tat-30 ta' Marzu 2007, xehdet ukoll **Irina Zarb** (*a fol.* 83 *et seq.*) fejn spjegat li dakinhar tat-8 ta' Frar 2007 kien qed tahdem f'*Diamonds International* gewwa Portomaso u li flimkien maghha kien hemm Doreen Zammit. Tghid li filghaxija, ghal xi 7.45pm, qabel jinghalaq il-hanut, ghandhom procedura li jigbru l-oggetti u l-arloggi mill-vetrini u dawn jigu mpoggija fis-*safe*. Tghid li fil-gurnata msemmija ghal xi 7.50pm, semghet xi hadd ihabbat il-bieb tal-hgieg u setghet tara li kien hemm persuna li hasbitu *security*

[7] *A fol.* 72 tal-Inkjesta Magisterjali li tinsab *a fol.* 190A.
[8] *A fol.* 190A.

*guard* ta' Portomaso peress li kien liebes hekk (jew simili). Tghid li fethet il-bieb u dan il-persuna dahal u hekk kif daret semghet lil xi hadd jghid *"hold-up"* u wara rat zewg persuni. Tghid li dawn bdew jitkellmu bil-Malti bejniethom u li hi ma tifhimx bil-Malti. Tghid li mill-memorja taghha t-tnejn li huma kellhom arma u li mhijiex certa jekk it-tnejn li huma kellhomx wicchom mghotti b'*tights*. Tixhed li rat lil Zammit tinzel gharkubtejha u hi ghamlet l-istess. Tispjega kif ittiehdu l-oggetti mill-hanut, inkluz mis-*safe* li f'dan il-hin ma kellux *code*, u kif eventwalment semghet hoss ta' horn minn barra u dawn iz-zewg persuni hargu jigru. Tikkonferma li l-ghada giet murija r-ritratti li jinsabu f'Dok. "JM 8" (*a fol.* 52) u kkonfermat li giet mitluba sabiex tara jekk taghrafx lil xi persuna li rat u spiccat b'zewg ritratti u li mbaghad ghazlet lil dak li jidher f'ritratt immarkat "57D" (Dok. "JM 8" – *a fol.* 52). Tghid li dan huwa l-persuna li skond hi kien qed jistenna hdejn il-bieb. Tghid: *"I had difficult times to try to make a very clear image in my head. What I remember seeing, I stated to the police several times. When I looked at the person, I could easily remember the features of the person, especially after some time when I was asked. I could remember seeing particular features like big ears and a bit of nose that was a bit bigger, it sort of struck me unusual because he had some kind of particular features in his face, a long chin a big thin mouth and a big ears. And that is the description I gave the police. When I looked at the photos, I informed the police that I cannot really pick one person just because exactly I recognised him, it is because I see the resembled features that resembles me the most and that is how I remained with that photo because there are features that to me they resemble the most to the person I saw"* (*a fol.* 97). Mistoqsija dwar l-*Identification Parade*, tghid: *"Then basically I looked at the persons behind the glass and I was trying to bring back my memory to the person and see who resembles me the most again and I was calculating not just the facial features, I was also calculating the height and the built of the person because I remember it is particular, not particular height, I was trying to like a combination of all features not just face wise and after some reconsideration of all features I basically remained with two of the persons that resembled me but because one was a bit higher than I saw the person at the doorway was, so I remained with one and I indicated one of the persons in the ID line up"* (*a fol.* 98). Tghid li: *"I saw the person in a doorway, I saw him wearing the black tight, transparent like tight and I mentioned to police that it will be difficult for me to identify a person*

*without him because I saw him with a tight so I cannot imagine how he is without the tight and I was informed that they will try to do it, the ID Parade will be done with the tight on but it was never done so I basically had to identify person without any tights on"* (*a fol.* 98-99). Mistoqsija tghid jekk fl-awla kienitx qed tara lil xi hadd li rat dakinhar tas-serqa, indikat lill-imputat u mistoqsija tghid jekk hijiex f'pozizzjoni li taghmel konnessjoni ta' xi persuna mas-serqa, tghid li huwa difficli peress li hija rat lill-persuna bit-*tights*. Tghid li l-imputat ghandu l-*features* li jidhru fir-ritratt li ghazlet tal-persuna li kien qed jistenna fid-*doorway*.

In kontro-ezami tghid li wiehed biss miz-zewg persuni baqa' fid-*doorway*, liema persuna kellu *tights* ma' wiccu. Tghid li hija ma ratx wicc il-persuna li beda jiehu l-affarijiet mill-hanut liema persuna kellu *security hat*. Hija wiegbet fl-affermattiv ghad-domanda: *"And when you saw the photograph, you are only saying it was similar to, am I correct?"* (*a fol.* 102). Wiegbet ukoll fl-affermattiv ghad-domanda: *"But you cannot positively identify the person in the photograph as the person who came to your shop, am I correct?"* (*a fol.* 102). Tghid li kellha l-istess problema meta saret l-*Identification Parade*.

**Irina Zarb** regghet hadet il-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-3 ta' April 2007 (*a fol.* 169 *et seq.*) fejn regghet giet mistoqsija kif setghet tinnota l-*features* tal-persuna li baqa' mal-bieb peress li kien liebes *stocking* u hi wiegbet: *"Yes and may be that is why I had an imprint because the person with the stocking and with the uniform and that is why I had this imprint in my mind and what I remember observing is the features that basically the impressed me most is because the ears were a bit big, a big sticking out, the chin was a bit long and the nose was a big bigger as well compared to the other features, that is basically what was. And he had the hat of course, I could not really see the hair or anything but the features like even the mouth was a big wide, I could remember that time especially, it was just the first impression as soon as I gave the description"* (*a fol.* 170). Tghid li l-i*stocking* ma kienitx skura hafna pero kienet trasparenti. Tghid: *"It was black colour and it was not too tight as well on the face and the features were not distorted or something, they were quite normal so I would not say the stocking was very tight on the face"* (*a fol.* 171).

In <u>kontro-ezami</u> tghid li mhijiex f'pozizzjoni tghid it-tip ta' xaghar li kellu dan il-persuna u li ma tafx jekk kienx qarajgh, kienx *fair* jew skur. Ma kienitx f'pozizzjoni tghid x'tip ta' xedaq kellu. Tghid li ma gietx mitluba tara l-persuni kollha li jahdmu bhala *security* ma' Portomaso.

In <u>ri-ezami</u> tghid li l-persuna kellu bejn 25 u 30 sena u li ma ratx tikmix.

In <u>kontro-ezami</u>, li tkompla fis-seduta tal-25 ta' Frar 2011 (*a fol.* 829 *et seq.*), tghid li mhijiex certa jekk ghafsitx il-*panic button*. Tghid li meta fethet il-bieb hi fethitu bir-*remote control* u li hi kienet distanti mill-bieb madwar zewg metri. Tixhed li l-ghada giet murija madwar zewg jew tlitt kotba mimlija ritratti. Ghad-domanda: *"So even if you were to pin point any particular photograph, it would have been by elimination through these vague recollections of what you have seen?"* (*a fol.* 835), wiegbet: *"yes that is correct"* (*a fol.* 835). Jekk dan kienx jinkludi wkoll t-tul u l-istatura, wiegbet fl-affermattiv. Tghid li meta giet murija r-ritratti hi giet murija ritratti ta' ucuh biss. Tghid li dak li mpressjona lilha kien probabilment widnejn kbar u li anke l-mnieher li kien sporgut il-barra aktar minn normal (*a fol.* 836). Wiegbet fl-affermattiv ghas-segwenti: *"So in reality, whether you have picked a photo or not, you can never be certain from any photo you have seen about the person near the door"* (*a fol.* 836). Fir-rigward tal-*Identification Parade* tghid: *"I recall that I pointed to the person who resembled most the person that I was actually referring to in the first place next to the doorway"* (*a fol.* 837). Tghid: *"I am extremely sorry, that was 4 years ago, so probably I did confuse what happened on the ID parade and what happened when I was looking at the photos. I do remember looking at the photos the next day after the robbery. I do remember being called up for the ID parade. And now at this stage I am thinking hard but I thought I picked up the person at the time but since you are referring to my testimony that was 4 years ago, it could be that I actually said that on the photos I was looking at more"* (*a fol.* 837). Tikkonferma li l-ewwel rat ir-ritratti u li l-*Identification Parade* saret wara. Tghid li l-*panic button* fl-ebda mument ma giet maghfusa. Fir-rigward tas-*security*, tghid li gie li kienu jcemplulhom huma ghal xi 7.50pm-7.55pm u gie li s-*security* kienu jmorru minghajr ma huma (l-impjegati) kienu jcemplulhom. Tghid li gie li fethu lis-*security* meta kienu jmorru.

Tghid: *"I do not recall them having stockings at that specific moment because I think that my logical reason would be immediately alerted if I see a guy knocking on the door with the stocking on the head"* (*a fol.* 844). Tghid: *"What I actually happened, when I heard the knocking, I just looked back. I saw two people standing, I saw them, they looked to me like security and I did not register had seen stockings on the face. So the impulse was, ok that is the security, open the door because they usually used to come at this time"* (*a fol.* 845).

In <u>ri-ezami</u> tghid: *"The very first night when the police took me to the headquarters, I was giving description of the person and they were drafting the face. I think it was some type of programme that they were drafting the face from my description"* (*a fol.* 849). Tikkonferma li dan kien l-*electronic fit* (*a fol.* 849).

Fl-Inkjesta Magisterjali[9], dak inhar stess tal-*hold-up*, cioé fit-8 ta' Frar 2007, **Zarb** tghid li dak li qal il-kelma *hold-up* mbuttaha. Tghid: *"Then he pointed at me a gun. I am sure it was black. It was more like a pistol. His face was not covered. He did not have blue eyes. He had dark eyes, olive skinned and a bit shorter than me. No moustache and no tattoos. He was slender and clean shaven. He was not very built. He had short hair, but he had a hat. The colour of his hair was dark. He was about 25.26. He was wearing unifirm shoes and neat slippers"* (*a fol.* 66 tal-Inkjesta Magisterjali[10]). Tghid li dan qal xi haga bil-Malti u rat lill-kollega taghha titbaxxa mal-art u li hi (Zarb) bdiet tizvojta t-*trays* gol-baskett li kellu. Tghid: *"At that point I noted the fact that there was another person. The other person had black tights on his head and he was also wearing a uniform and he also had a hat. He too had a gun. He had a bigger gun in a metallic silver gun. It was a larger gun"* (*a fol.* 66 tal-Inkjesta Magisterjali[11]). Tghid li ma ghafsitx is-*silent alarm*. Tghid li wiehed mill-persuni kellu *file* f'idejh. Fir-rigward tat-tieni persuna, tghid: *"The second one was not too tall. He was not stocky of medium build. The one with the tights seemed darker but he was wearing tights. He seemed to have a big nose but it was squashed with the tights"* (*a fol.* 67 tal-Inkjesta Magisterjali[12]).

---

[9] *A fol.* 65 *et seq.* tal-Inkjesta Magisterjali li tinsab *a fol.* 190A.
[10] *A fol.* 190A.
[11] *Ibid.*
[12] *Ibid.*

Illi, fis-seduta tat-3 ta' April 2007, xehed **PS 516 Alfio Borg** (*a fol.* 120 *et seq.*) fejn ezebixxa zewg CD's (Dok. "ID" u "PM") u numru ta' ritratti (Dok. "ID 1" u "PM 1") (*a fol.* 122).

**PS 516 Alfio Borg** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tad-19 ta' Settembru 2008 (*a fol.* 683 *et seq.*) fejn ipprezenta DVD ta' filmat li ha hu waqt l-access li nzamm fl-10 ta' Gunju 2008 flimkien ma' liema filmat gew ezebiti numru ta' ritratti li nhargu mill-filmat. Dawn gew immarkati bhala Dok. "AB" (*a fol.* 685 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-3 ta' April 2007, xehed ukoll l-i**Spettur Silvio Valletta** (*a fol.* 123 *et seq.*) rigward l-involviment tieghu fil-*hold-up* f'Portomaso.

Illi, fis-seduta tat-3 ta' April 2007, xehed **is-Sur Martin Bajada** (*a fol.* 126 *et seq.*) fejn ezebixxa r-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "MB" (inkluz *hard-disc* li giet elevata) (*a fol.* 133 *et seq.*). Huwa spjega x'ghamel in ezekuzzjoni tal-inkarigu moghti lilu.

**Is-Sur Martin Bajada** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-13 ta' April 2007 (*a fol.* 191 *et seq.*) fejn ezebixxa relazzjoni li giet immarkata bhala Dok. "MBX" (*a fol.* 195 *et seq.*).

**Is-Sur Martin Bajada** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tas-26 ta' Settembru 2013 (*a fol.* 926) fejn qal li dak kollu li gie mitlub minn ghandu hu diga pprezentah f'relazzjoni u nghata kopja lill-partijiet.

Illi, fis-seduta tat-3 ta' April 2007, xehdet ukoll **Dolores [Doreen] Zammit** (*a fol.* 140 *et seq.*) fejn spjegat li dakinhar tat-8 ta' Frar ghal xi 7.45pm hi u l-kollega taghha Irina Zarb bdew johorgu affarijiet mill-vetrini biex idahluhom fis-*safe*. Tghid li f'hin minnhom habbat il-bieb tal-hgieg li kien maghluq u Zarb fethet il-bieb u hi (Zammit) kienet ghadha qed taghlaq il-vetrini. Tispjega li hi (Zammit) ma harsitx biex tara min kien hemm mal-bieb u li x'hin dawret rasha setghet tara lil xi hadd mal-bieb mghammad, marret tigri wara skrivanija u baqghet hemm. Tghid li hi kull ma rat kien lil dak li kien mal-bieb biss. Tassumi li kienu tnejn il-persuni li ghamlu l-*hold-up*. Tghid li semghet lil xi hadd jghid sabiex jinfetah is-*safe*

f'liema hin il-kollega taghha qamet pero ma tafx x'ghamlet. Tghid li l-persuna li rat kellu qisu *tights* jew xi haga sewda. Ghad-domanda jekk setghetx tassocja lil dan il-persuna ma' xi hadd, wiegbet fin-negattiv peress li ratu ghal ftit sekondi. Tghid li s-*safe* ma kienx maghluq bil-*combination*. Mistoqsija tghid jekk lill-persuna li rat mal-bieb ratlux xi haga f'idejh, wiegbet li ma tiftakarx.

In <u>kontro-ezami</u> tghid li meta nfetah il-bieb, hi kienet darha lejn il-bieb. Tghid li hi ma setghetx tirrikonoxxi l-fattizzi tal-persuna li rat peress li kien mghammad. Tghid pero li kien *slim*, li kellu binja normali u li kellu *average height*.

In <u>ri-ezami</u> tghid li lill-persuna li kien hemm mal-bieb hi osservatu biss ghal ftit sekondi. Tghid li jidhirlha li semghet lehen wiehed biss.

In <u>kontro-ezami</u>, li tkompla fis-seduta tal-15 ta' Gunju 2010 (*a fol.* 777 *et seq.*), giet mistoqsija dwar dak li kienu jaghmlu s-*security* li kienu jmorru qabel kien jinghalaq il-hanut. Tghid li dawn kienu jmorru qabel jinghalaq il-hanut u kienu jistennew barra. Tghid pero li ma jidhirlix li dakinhar tas-serq dawn kienu marru. Tghid li l-*hold-up* sar hekk kif kienu ser jaghlqu, bejn wiehed u iehor ghat-8.00pm, u li l-*hold-up* sar fil-hin li kienu jmorru s-*security* tant li hi hasbet li min wettaq il-*hold-up* kienu dawk tas-*security*. Tikkonferma li fil-hanut kien hemm *alarm button*. Tghid li hi ma kienitx prezenti ghal *Identification Parade*. Tghid li hi fl-ebda mument ma ghafset il-*panic button*.

Fl-Inkjesta Magisterjali[13], dak inhar stess tal-*hold-up* cioé fit-8 ta' Frar 2007, **Zammit** tghid li hekk kif daret rat zewg persuni li kienu b'uniformi blu u li kienu mghammdin u mentri wiehed minnhom mar fejn il-mejda fejn kien hemm il-gojjelli, l-iehor baqa' mal-bieb. Tghid li dak tal-bieb kellu *tights* fuq wiccu. Tghid li f'idejhom ma ratilhom xejn.

---

[13] *A fol.* 62 *et seq.* tal-Inkjesta Magisterjali li tinsab *a fol.* 190A.

Illi, fis-seduta tat-13 ta' April 2007, xehed **Vince [Vincent] Bartolo** (*a fol.* 208 *et seq.*) fejn beda billi qal li huwa *Security Supervisor* f'Portomaso u spjega li dakinhar tat-8 ta' Frar 2007 kien xoghol mis-6.00pm sas-6.00am u li f'hin minnhom gie nfurmat li kienet saret *hold-up* fil-hanut in kwistjoni u li meta acceda fil-hanut ma' Deo Camilleri sab lill-impjegati fih mbezza'.

In <u>kontro-ezami</u>, li sar fis-seduta tal-15 ta' Gunju 2010 (*a fol.* 793 *et seq.*), mistoqsi dwar x'kienet il-funzjoni tas-*security* fil-mument li jkunu ser jaghlqu l-hwienet wiegeb: *"generalment kienu jcemplulna huma u konna nitilghu tnejn. Konna nidhlu, nuruhom li ahna wasalna"* (*a fol.* 797). Mistoqsi jghid kif kienu juruhom li waslu, wiegeb: *"Inti kont tidhol mill-main door u mbaghad huma kellhom bieb jifthulek minn gewwa. Kont immur wara l-bieb jiena, inhabbtilhom, nurihom li jiena qieghed hemm u nerga' nohrog fuq il-main door barra"* (*a fol.* 797). Jghid li hu dejjem kien jibqa' barra pero kien jurihom li kien wasal. Jghid li l-bieb tal-hanut kien jinfetah biss meta l-impjegati jkunu ser johorgu u jitilqu 'l barra mill-hanut. Jikkonferma li bhala parti mill-uniformi kellhom beritta li kienet tintlibes. Jghid li jekk ma kienux icemplulhom, huma kienu jmorru xorta.

Fl-Inkjesta Magisterjali[14], dak inhar stess tal-*hold-up*, **Bartolo** spjega li gewwa l-*Luxe Pavilion* kuljum jircievu telefonata li l-hwienet ikunu ser jaghlqu u b'hekk spjega x'jaghmlu. Jghid li dakinhar ma rcevew ebda telefonata u ghal xi t-8.00pm cemplet Irina li qalet li kienet saret *hold-up*.

Illi, fis-seduta tat-13 ta' April 2007, xehed ukoll **Deo Camilleri** (*a fol.* 224 *et seq.*) fejn qal li jahdem bhala *security* f'Portomaso u qal li dakinhar tat-8 ta' Frar 2007 kien xoghol mis-6.00pm sas-6.00am flimkien ma' Bartolo. Jghid li f'hin minnhom gew infurmati li kien hemm *hold-up* fil-*Luxe Pavilion* u meta marru sab ragel li beda jkellimhom bl-Ingliz li ma jafx min hu li beda jghajjat maghhom u meta dahlu fil-hanut sabu liz-zewg impjegati. Jghid li l-impjegata barranija qaltlu li l-*alarm* kienet *out of order*.

---

[14] *A fol.* 71 tal-Inkjesta Magisterjali li tinsab *a fol.* 190A.

In kontro-ezami, li sar fis-seduta tal-15 ta' Gunju 2010 (*a fol.* 807 *et seq.*), mistoqsi jghid x'kienu jaghmlu meta kien jersaq il-hin tal-gheluq tal-hwienet, jghid li, peress li l-hwienet kienu jaghlqu ghat-8.00pm, ghal xi t-7.45pm kienu jmorru biex isakkru l-blokka tal-hwienet. Jikkonferma li bhala parti mill-uniformi kellhom beritta. Jaqbel li huma ma kienux jidhlu fil-hwienet u li meta jkunu qed izarmaw, il-bieb kien ikun imsakkar. Jikkonferma li l-bieb tal-hanut kien jinfetah meta l-impjegati jkunu lesti u jkunu ser johorgu. Jghid li l-impjegati gie li cemplu huma li jkunu ser isakkru u meta ma kienux icemplu kienu jaqbdu u jmorru huma. Jikkonferma li fil-hanut kien hemm *panic button* li kienet tinghafas jekk jinqala' xi haga. Jghid li huwa qatt ma dahal gol-hanut meta l-impjegati jkunu qed izarmaw.

Illi, fis-seduta tat-13 ta' April 2007, xehdu wkoll **PS 46 Charlot Casha**, **PC 465 Daniel Abela** u **PS 1147 Antoine Fenech** (*a fol.* 248 *et seq.*) fejn ikkonfermaw ir-ritratti u r-relazzjoni ppreparata minnhom li jinsabu fil-process verbal redatt mill-Magistrat Inkwirenti Dr. Audrey Demicoli. Gew mistoqsija fuq il-*lifters* li gew elevati minn zewg vetturi Peugeot Partner. Gew mistoqsija wkoll numru ta' domandi rigward l-involviment taghhom.

**PS 1147 Antoine Fenech** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tas-26 ta' Settembru 2013 (*a fol.* 927 *et seq.*) fejn ipprezenta ritratti li gew estratti minn filmat partikolari mill-fond *International Diamonds*. Dawn ir-ritratti u kif ukoll il-filmat gew immarkati bhala Dok. "AF 1" (*a fol.* 929).

Illi, fis-seduta tat-13 ta' April 2007, xehed ukoll **Mario Briffa**[15] (*a fol.* 268 *et seq.*), wara li nghata twissija (*a fol.* 190), fejn spjega li huwa xufier ta' xarabank. Jghid li dakinhar tat-8 ta' Frar 2007 kien jinsab isuq ix-xarabank u li kien ghadda minn quddiem il-Casino fid-Dragonara u hekk kif wasal fejn ir-*roundabout* li hemm aktar l-isfel mil-lukanda Hilton, kien hemm erba' vetturi quddiemu. Jghid li sema' horn u kien hemm *van* iktar iross, cioé jaghlaq it-triq. Jghid li dan kien qed jaghlaq it-triq ta' kulhadd. Jixhed li hargu zewg persuni jigru minn parapett, telghu fil-*van* mill-genb liema *van* kien

[15] Mario Briffa ma xehedx fl-Inkjesta Magisterjali.

ezatt f'nofs ir-*roundabout* u sgiccaw bi *speed*. Jghid li dawn iz-zewg persuni kienu lebsin *boiler suit* blu u minkejja li ra li kellhom xi haga f'idejhom, ma jafx x'kellhom. Mistoqsi jghid kemm kienu twal dawn iz-zewg persuni jghid: *"Ezatt ma nafx"* (*a fol.* 277). Jghid li ma kienux kbar hafna. Jghid li wiehed kellu xaghru *spiky*, mhux ohxon hafna u qasir. Jghid li l-iehor kellu xaghru lixxa u huwa harira itwal mill-iehor. Gie muri ritratti Dok. "JM 8" (*a fol.* 52) u qal li dawnx m'humiex ir-ritratti li gie muri mill-iSpettur Valletta pero jixbhuhom. Jghid li minn dawn ir-ritratti gharaf lil dak li jidher *"bin-numru 57, D7"* (*a fol.* 283). Mistoqsi jekk hux cert jghid li jekk mhux hu, jixbhu. Jghid li lil dan il-persuna xebhu ma' dak li kellu xaghru lixx. Jghid li meta mar id-Depot u saret l-*Identification Parade* gharaf lil dak li kellu xaghru *spiky*. Ghad-domanda: *"Dan ir-ritratt li ghadek kif ghazilt u wrejtu l-Qorti, qed tassocjah ma' xi persuna hawn hekk gol-awla? Dak il-persuna li rajt dak inhar tal-incident, qed tassocjah ma' xi persuna hawn gew?"* (*a fol.* 286), l-ewwel jghid li ma jidhirlux u wara assocjah *"ma dan tan-nofs. Issa qed narah. Iva hu"* (*a fol.* 286).

In <u>kontro-ezami</u> jghid li kien gej minn fejn hemm ir-Rokna. Jghid li ma jafx x'numru ta' registrazzjoni kellu l-*van* li ra. Jghid li z-zewg persuni li ra hergin jigru kienu t-tnejn iqsar minnu. Jghid li lil dawn iz-zewg persuni rahom biss bi sbrixx peress li rahom jigru ghal gol-*van*. Jghid li ma rahomx mill-faccata. Jghid li r-ritratt li ghazel minn dawk li gie muri juri persuna li tixbah wiehed miz-zewg persuni li ra jigru. Jghid pero li ma jistax jghid jekk hux hu.

**Mario Briffa** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-18 ta' Gunju 2008 (*a fol.* 657 *et seq.*) wara li fit-12 ta' Gunju 2008 inzamm access fuq il-post. Jikkonferma li l-access inzamm fil-post fejn ra dak li xehed fuqu precedentement. Mistoqsi jghid kemm kien hemm vetturi bejn ix-xarabank li kien qed isuq hu u l-*van* li saret il-harba bih, l-ewwel wiegeb: *"Ma niftakarx"* (*a fol.* 658) u wara qal: *"Ma ghandix idea"* (*a fol.* 658). Jikkonferma li kien hemm vetturi u li hu kien tiela' minn mar-*roundabout*. Jghid li dak li ra sehh fil-ghaxija fix-xitwa.

In kontro-ezami, li tkompla fis-seduta tad-29 ta' Mejju 2012 (*a fol.* 867 *et seq.*), jghid li kien qed isuq xarabank normali u spjega li kien gej mit-triq fejn hemm il-*Millenium Chapel* fejn qal li mhix triq wiesa' hafna u jghid ukoll li fuq in-naha tal-lemin hemm il-hanut *Ir-Rokna* u hekk kif taqbez dan il-hanut issib fetha kbira. Jaqbel li kellu vetturi quddiemu u mistoqsi jghid kemm, wiegeb: *"Ma nafx sew. Ma nzommx amment"* (*a fol.* 871). Jghid li hu waqaf bix-xarabank ftit 'il fuq minn fejn hemm *Ir-Rokna*. Mistoqsi jghid jekk giex fil-fetha wiegeb: *"Kont ghadni naqra 'l isfel, hekk"* (*a fol.* 872). Jghid li waqaf minhabba li kien hemm vetturi quddiemu. Jghid li ra vettura fin-nofs fejn ir-*roundabout* li kienet qed timblokka kemm lilu u kif ukoll il-vetturi li kellu quddiemu u ma jafx x'kulur jew x'mudell kienet din il-vettura. Jghid li ra l-bieba tal-vettura tinfetah u tinghalaq. Ghad-domanda x'gara fid-Depot tal-Pulizija meta gie mitlub imur hemm u min issugerielu xi jghid, wiegeb: *"Ma niftakarx"* (*a fol.* 884).

"Difiza: *U rigward ir-ritratti, Sur Briffa, u l-ID parade? Min issuggerielek, Sur Briffa? Quddiem il-Magistrat, m'gharafx hadd mir-ritratti. Meta kont wahdek mal-Pulizija bdejt taghraf, Sur Briffa. Min isuggerielek xi tghid, Sur Briffa? Dak li qed nistaqsik.*

Il-Qorti: *Sur Briffa, wiegeb id-domanda!*

Xhud: *Insejt, insejt kollox"* (*a fol.* 885).

Wara dan, meta gie mistoqsi jghid jekk meta saret l-*Identification Parade* kienx gharaf lil xi hadd, wiegeb: *"Ma niftakarx, hux. Ma nzommx amment"* (*a fol.* 885). Jghid li ma jzommx amment anqas jekk meta gie muri r-ritratti gharafx lil xi hadd. Wara xi hin, Briffa kkonferma li meta saret l-*Identification Parade* huwa ma gharaf lil hadd. Jikkonferma li meta telaq il-Magistrat, il-Pulizija wrewh ritratti u wiehed li kien fl-*Identification Parade* issa gharfu f'ritratt. Jghid li hadd ma ssuggerielu li kien l-imputat li hu gharaf fir-ritratt. Jghid li meta baghtu ghalih il-Pulizija ghal dan il-*hold-up* bintu, li kienet involuta f'incident, kienet diga mietet. Ghad-domanda jekk il-Pulizija semmewlux l-incident tat-tifla meta kellmuh fuq il-*hold-up*, wiegeb: *"Ma jidhirlix"* (*a fol.* 890). Mistoqsi mill-Qorti jekk meta ra r-ritratti gharafx lil xi hadd, wiegeb: *"Le, dak il-hin m'gharaftx lil*

*hadd"* (*a fol.* 891). Jghid li l-persuna li ra kien: *"La ohxon u lanqas hu rqiq hux. Normali"* (*a fol.* 893).

"Difiza: *Is-Sur Valletta ghidtlu li dawn mghammda kienu. U llum qed tigi hawn, tigi tghidilna li mir-ritratti jien xi hadd jista' jixbhu, u jekk mhux hu, jixbhu. Tista' tghidli bniedem mghammad kif tista' taghrfu? Din id-domanda tieghi, Sur Briffa!*
Il-Qorti: *Sur Briffa, wiegeb jekk jogghbok. Sur Briffa!*
Xhud: *Xi nwiegeb, ghidli. Fuq liema sens?*
Difiza: *Ara issa ergajna rewind. Bhalma konna qabel.*
Il-Qorti: *Kull meta jkellmek Dottor Mallia ma twegibx inti? Irrid inkellmek jien biex twiegeb? Dottor Mallia qed jistaqsik din, minn fejn kont bit-trakk, stante li inti ghidt li rajt in-nies b'wicchom mghotti, mghammad, kif qed tghid li gharafthom?*
Xhud: *Ma nafx.*
Il-Qorti: *Lili ghidtli wkoll.*
Difiza: *Lilek qallek.*
Il-Qorti: *Xaghru, lixxa hekk, xaghru spiky. In-nies kienu mghammdin jew le li rajt inti? Mghammdin. Sur Briffa, ghadek hawn?!*
Difiza: *Ha nghaddi ghal domandi ohra, Sur Magistrat.*
Il-Qorti: *Le, le. Hallik minn domandi ohra.*
Difiza: *Oh!*
Il-Qorti: *Kienu mghammdin in-nies li rajt inti jew le? Iva jew le?*
Xhud: *Kienu mghammdin iva"* (*a fol.* 896).

Mistoqsi mill-Qorti kif jista' jkun jghid ix-xahar u l-wicc ta' persuna li jghid li kien mghammad (*a fol.* 896) u mistoqsi jghid jekk qattx ra lill-imputat f'hajtu wiegeb: *"Qatt ma rajtu"* (*a fol.* 898).

In ri-ezami kkonferma li l-gurnata ta qabel l-iSpettur Mercieca ghamel kuntatt mieghu u qallu: *"Biex ma nissawwatx jew jew hekk"* (*a fol.* 899.

"Xhud: *Ghidtlu biex ma nissawwatx jew hekk, biex jiena – ma kont naf xejn.*
Il-Qorti: *Imma tissawwat minn min?*
Xhud: *Imma jiena naf x'ifettillu jaghmel il-bniedem jew hekk?*
Difiza: *Mhux ghad-Deput, hu?*

[…]

Xhud: *Ghidtlu jiena nitla' l-Qorti eccetra eccetra, ghidtlu jiena m'ghandiex x'naqsam ma' dawn l-affarijiet jew hekk, li ma jmurx jahbat xi hadd ghalija, jew eccetra, jew hekk jew hekk jew jigi jsawwatni hekk, ghal…*

Pros.: *Imma ghaliex ghidtli hekk il-bierah? Ghidtli xi haga ohra?*

Xhud: *Mela l-bniedem taf x'ifettilu jaghmel jew hekk"* (*a fol.* 901).

Mistoqsi mill-Qorti jekk giex mhedded, wiegeb fin-negattiv. Mistoqsi mill-Qorti jekk hux qed jibza' minn xi hadd, wiegeb: *"Mhux nibza' hu, xi xi xi? Niddejjaqhom dawn l-affarijiet jien"* (*a fol.* 901). F'dan il-hin id-depozizzjoni tax-xhud giet sospiza u l-iSpettur Mercieca ha l-pedana tax-xhieda u qal: *"Lil Dottor Grima, ghidtilha, "Isma' ghal ghada all right?". Qaltli, "Iva", ghidtilha, "Biex infakkru biex jitla' ghal-lum". Qalli, qalli, "Isma" u qed jghidli li ma jissawwatx u ma jissawwatx, qalli ghax dan qed jigini quddiem id-dar, qalli, "Rajtu, rajtu hdejn id-dar". Ghidtlu, "Ghamilt rapport?". Qalli, "Le". Ghidtlu, "Int qatt m'ghidtli b'xejn qabel". Qalli, "Le, qatt m'ghidtlek xejn qabel""* (*a fol.* 865).

**Mario Briffa**, rega' ha l-pedana tax-xhieda (*a fol.* 863 *et seq.*) fejn ikkonferma li l-persuni li ra kienu mghammdin. Mistoqsi biex kienu mghammdin, wiegeb li ma jafx. Mistoqsi jghid kif jista' jkun li gharaf lil xi hadd mir-ritratt u gie ndikat persuna fir-ritratt u jekk ghandux spjegazzjoni jew le, wiegeb: *"M'ghandix. No, m'ghandix"* (*a fol.* 863).

Illi, fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2007, xehed **PS 3 Kevin Grima** (*a fol.* 319 *et seq.*) fejn qal li fl-10 ta' Jannar 2007 Mario Muscat kien irrapporta li z-zewg pjanci tal-vettura ta' bintu, liema vettura ghandha n-numru ta' registrazzjoni DRN 182, kienu neqsin. Huwa ezebixxa r-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "KG" (*a fol.* 321 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2007, xehed ukoll **Christopher Darmanin** (*a fol.* 323 *et seq.*) in rapprezentanza ta' *Transport Malta* fejn xehed fuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni DAN 691, liema numru nbidel ghal XXX 469, fuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni CBL 527 li nbidel ghal CPB 184, fuq vettura bin-

numru ta' registrazzjoni DRN 182 li nbidel ghal BBP 227 u fuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni HAI 276. Ezebixxa numru ta' dokumenti li gew immarkati minn Dok. "CD" sa "CD 3" (*a fol.* 326 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2007, xehed ukoll is-**Sur Joseph Mallia** (*a fol.* 359 *et seq.*) fejn qal li gie nkarigat mill-Magistrat Inkwirenti Dr. Audrey Demicoli sabiex jaghmel ezami komparattiv bejn *lifters* ta' impronti digitali li kienu nstabu fuq vettura Peugeot 106 bin-numru ta' registrazzjoni DRN 182 u Peugeot Partner bin-numru ta' registrazzjoni HAI 276 u l-impronti digitali u l-marki tal-pali tal-idejn tal-imputat. Jghid: *"Kont ghamilt il-comparisons u kien hemm print li ggib dokumentazzjoni 07AIEDG1 li kien jaqbel mas-sebgha l-kbir ta' l-id il-leminija ta' l-istess Romeo Bone. Dan il-print kien instab fuq il-batterija ta' karozza li tidher f'ritratt numru F4 fir-relazzjoni tieghi. Ir-relazzjoni tieghi tinsab a fol. 209 et seq*[16]*. Mal-konkluzjonijiet li kont ghamilt ma ghandix xi nzid u lanqas innaqqas"* (*a fol.* 359-360).

Illi, fis-seduta tas-6 ta' Settembru 2007, xehed is-**Supretendent Peter Paul Zammit** (*a fol.* 392) fejn ezebixxa sentenza moghtija fil-konfront tal-imputat fil-15 ta' Settembru 2000 fejn hu kien l-Ufficjal Prosekutur u Investigatur liema sentenza giet immarkata bhala Dok. "PZ" (*a fol.* 394 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tas-6 ta' Settembru 2007, xehdet ukoll **WPC 165 Wendy Aquilina** (*a fol.* 400 *et seq.*) fejn qalet li minn ricerka li ghamlet fuq l-imputat irrizulta li hu ma ghandhux licenzja ta' arma u dana kif jirrizulta minn dokument li pprezentat u mmarkat bhala Dok. "MA" (*a fol.* 402).

**WPC 165 Wendy Aquilina** regghet hadet il-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-2 ta' Novembru 2007 (*a fol.* 457 *et seq.*) fejn xehdet fuq l-istess linji li xehdet fuqhom fis-6 ta' Settembru 2007 u ezebiet dokument identiku ghal dak li ezebiet qabel.

Illi, fis-seduta tas-6 ta' Settembru 2007, xehed ukoll **Carmel Genovese** (*a fol.* 402A *et seq.*) fejn qal li l-*van* abjad Peugeot Partner

[16] Tal-Inkjesta Magisterjali li tinsab *a fol.* 190A.

bin-numru ta' registrazzjoni CBL (pero ma jiftakarx ezatt) huwa tieghu pero juzah ibnu Matthew. Jghid li dan il-*van* kien insteraq pero dan instab u nghatalu lura (lil Carmel Genovese). Jghid li l-*van* kien nxtara gdid madwar sentejn qabel insteraq ghall-prezz ta' Lm4600. Jghid li meta l-*van* insteraq fih kien hemm xi xoghol peress li jbieghu fil-hwienet.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li kien l-iSpettur li kien qallu li l-*van* kien insteraq peress li ibnu ma kienx ghadu qallu.

Illi, fis-seduta tas-6 ta' Settembru 2007, xehed ukoll **David Scala** (*a fol.* 407 *et seq.*) fejn spjega li huwa *Retail Manager* ta' *Diamonds International.* Huwa spjega x'inhu r-rwol tas-*security* f'Portomaso u x'jigri meta jkun ser jinghalaq il-hanut.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li dakinhar li saret is-serqa fil-hanut, il-buttuna li giet msejha bhala *panic button* kienet qed tahdem.

Illi, fis-seduta tas-26 ta' Settembru 2007, xehed **Matthew Genovese** (*a fol.* 429 *et seq.*) fejn qal li huwa jahdem ma' missieru u li l-Peugeot Partner CBL 527 jintuza ghax-xoghol. Jghid li darba minnhom kien ghaddej il-Hamrun, halla l-*van* bic-cavetta fih, dahal go hanut u kif hareg ra l-*van* tielaq. Jghid li fil-*van* kien hemm cekk u xi merkanzija fl-ammont ta' Lm390. Ezebixxa dokument li gie mmarkat bhala Dok. "MG" (*a fol.* 434). Jghid ukoll li fil-*van* kien hemm xi passaport, xi kotba tal-VAT, ID Card tat-tfajla u cwievet tad-dar. Jghid li ma ra lil hadd isuq il-*van*. Jghid li l-*van* gie moghti lura lilhom u fuqu ma nstabu l-ebda hsarat.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li l-*van* huwa ta' missieru pero juzah hu ghax-xoghol.

Fl-Inkjesta Magisterjali[17], fis-16 ta' Frar 2007, **Matthew Genovese** jghid li l-ahhar li ra l-vettura kienet fis-6 ta' Novembru 2006 fil-Marsa. Jghid li waqqaf il-vettura u hallieha miftuha bic-cavetta fl-*ignition*, mar jixtri x'jixrob, dam minuta b'kollox u meta rritorna lura ma sabhiex hemm. Jghid li ra l-*van* jinstaq pero ma setghax

---

[17] *A fol.* 76 *et seq.* tal-Inkjesta Magisterjali li tinsab *a fol.* 190A.

jara s-sewwieq u ma jafx jekk kienx wahdu. Jghid: *"Merkanzija kelli madwar mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250.00). Il-van inxtara ghad sentejn ilu madwar sitt elef lira Maltin (Lm 6,000)"*.[18]

Illi, fis-seduta tas-26 ta' Settembru 2007, xehed ukoll **PS 426 Anthony Portelli** (*a fol.* 435 *et seq.*) fejn qal li fil-31 ta' Mejju 2006 kien xoghol l-Ghassa tal-Hamrun u ghal xi 5.15pm mar Robert Briffa jirraporta li kien insterqitlu vettura tal-ghamla Peugoet 106 minn Triq Manuel Magri l-Hamrun. Jghid li l-vettura kellha n-numru ta' registrazzjoni DAN 691 u li fiha kien hemm *power tools* li l-ammont kien jammonta ghal Lm2000 u kif ukoll *laptop* ta' Lm500 u kif ukoll xi *hand tools* u xi *computer equipment* li Briffa ma setghax jghid il-valur taghhom. Ezebixxa r-rapport li gie mmarkat bhala Dok. "AP" (*a fol.* 437 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tas-26 ta' Settembru 2007, xehed ukoll **PS 419 Antoine Buttigieg** (*a fol.* 441 *et seq.*) fejn spjega li dakinhar tat-8 ta' Frar 2007, wara li rcevew telefonata li kien ghadu kemm sar *hold-up* mill-hanut *Diamonds International* f'Portomaso, hekk kif marru biex johorgu sabu l-vettura tas-servizz imblukkata minn vettura Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni DRN 182. Jghid li rrizulta li dan in-numru ma' kienx tal-imsemmija vettura u li n-numru proprju kien DAN 691 li kienet giet rapportata misruqa fl-Ghassa tal-Hamrun. Ipprezenta r-rapport li gie mmarkat bhala Dok. "AB" (*a fol.* 444 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tas-26 ta' Settembru 2007, xehed ukoll l-i**Spettur Carlo Ellul** (*a fol.* 448 *et seq.*) fejn spjega li dakinhar tat-8 ta' Frar 2007 fil-ghaxija kien gie infurmat bil-*hold-up* f'*Diamonds International* u jghid li acceda fuq il-post. Jghid x'instab meta acceda fuq il-post. Jghid li huwa nforma lill-Magistrat Inkwirenti Dr. Audrey Demicoli li fethet Inkjesta Magisterjali. Ikkonferma r-rapport li jinsab *a fol.* 13 *et seq.* tal-process verbal.[19]

Illi, fis-seduta tat-2 ta' Novembru 2007, xehed **Kevin Busuttil** (*a fol.* 460 *et seq.*) fejn qal li huwa *Operations Manager* ma' *Probe*

[18] *A fol.* 76 tal-Inkjesta Magisterjali li tinsab *a fol.* 190A.
[19] *A fol.* 190A.

*Technologies* li jiehdu hsieb *CCTV cameras*, *alarms* u affarijiet ta' sigurta'. Jghid li gew mitluba jaghtu xi *recordings* minn taghhom tal-*cameras* li jinsabu fil-hanut *Diamonds International*.

In kontro-ezami, meta gie mistoqsi jghid jekk dakinhar tas-serqa kienx hemm xi haga li ma tahdimx, wiegeb li ghandu ma kien hemm l-ebda rapport f'dan is-sens. Jghid li ma kien hemm l-ebda rapport li l-*panic button* ma kienitx qed tahdem. Jghid li generalment rapporti bhal dawn imorru ghandu u b'hekk normalment huwa jkun konxju ta' rapport simili.

Illi, fis-seduta tat-2 ta' Novembru 2007, xehed ukoll **Luciano Galea** (*a fol.* 465 *et seq.*) fejn qal li huwa jaf lill-imputat peress li kien *security* fit-tieg tieghu. Mistoqsi dwar vettura bin-numru ta' registrazzjoni HAI 276 jghid li dan huwa *van transit* li kien tal-imputat li staqsieh biex jaghmillu pjacir peress li kellu l-affarijiet mizmumin u qallu biex jaghmlu fuqu (fuq Galea). Jghid li Bone kien isuq dan il-*van* peress li l-imputat kien juzah ghar-*refuse* u l-karti kienu jmorru ghandu (ghand Galea). Jghid li ma jafx kemm dam fuq ismu dan il-*van* u anqas jaf x'gara minnu. Jghid li l-*van* qatt ma rah jinstaq. Jghid li hu (Galea) qatt ma saqu dan il-*van*. Jghid li meta kien jircievi c-citazzjonijiet kien jaghtihom lill-imputat billi meta jarah fit-triq kien iwaqqfu. Jghid li kien mar l-imputat biex jiffirma l-*logbook*. Ma jafx x'konnessjoni kellu certu *Pajju* ma' dan il-*van*. Jghid li ma jafx fuq min kien sejjer il-*van* wara li hu (Galea) iffirma biex isir *transfer*. Ma jafx jekk sarx *transfer* wara. Jghid li kien ghamel rapport l-Ghassa rigward il-*logbook* li kien mitluf.

In kontro-ezami jikkonferma li l-imputat kien talbu biex jaghmel *transfer* u hu (Galea) iffirma l-*logbook*. Jghid li ma jafx lil min kien ser jigi trasferit. Jghid li wara li sar dan it-trasferiment minn naha tieghu, intilef il-*logbook*.

Illi, fis-seduta tat-2 ta' Novembru 2007, xehed ukoll **Clive Agius** (*a fol.* 481 *et seq.*) fejn inghata twissija (*a fol.* 455) fejn meta gie mistoqsi dwar Ford Transit *blue* bin-numru ta' registrazzjoni HAI 276 jghid li hu kien xtara din il-vettura minghand *dealer* bl-isem ta' Mansueto.

Jghid li dan nxtara bejn wiehed u iehor f'Novembru 2006. Jghid li kien jahdem bih u li hu wzah madwar darbtejn. Jixhed li siehbu Karl De Flavia kien juzah. Jghid: *"Il-problema kienet li darba mort ta' Sliema bih u waqafli minghajr clutch u hadt ic-citazzjonijiet fuqu. Sa hemm hekk il-van kien ghadu bin-numri tajbin ghaliex ic-citazzjonijiet waslu"* (*a fol.* 484). Jghid li l-*van* ma kienx jissakkar. Jghid li darba minnhom il-Pulizija talbuh biex jaraw il-*van* li kien wara d-dar tieghu. Jghid li l-Pulizija bdew jghidulu li n-numri ma kienux tal-*van* pero hu jghid li ma jafx. Jghid li hu ma biddel l-ebda numri minn fuq il-*van* u li xi hadd kien biddilhomlu. F'dan l-istadju jghid li uza l-*van* hames darbiet kemm dam ghandu. Jghid li lill-imputat jafu peress li hu mill-Floriana. Ghad-domanda jekk l-imputat kellux xi konnessjoni ma' dan il-*van*, wiegeb: *"Nahseb li kien ghandu qabel imma, qabel kont xtrajtu min ghand Mansueto"* (*a fol.* 493). Jghid li m'huwiex cert.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li ma jafx ezatt x'numri kellu dan il-*van*. Jikkonferma li waqt li l-*van* kien ghandu, il-pjanci tal-*van* inbidlu.

In <u>kontro-ezami</u>, li tkompla fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2012 (*a fol.* 912 *et seq.*) wara li gie muri ritratt ta' Ford Transit ikkonferma li dan il-*van* kien tieghu u li kien xtrah minn ghand Alfred Mansueto. Jghid li lilu (Agius) jghidulu *Id-Dajdu*. Jghid li l-Pulizija haduh minn ghandu u li dan kien wara d-dar tieghu. Mistoqsi kemm l-batterija kellu dan il-*van*, wiegeb: *"Huwa l-van kellu tnejn batteries fhimt, peress li ghandu s-switch ma tantx hu tajjeb u gie li tolqtu u gie li taqalu l-battery fhimt halli biex ikollu wahda tkun mal-ewwel hemm"* (*a fol.* 913). Jghid li meta l-Pulizija hadu l-*van* dan kellu batterija wahda minkejja li meta xtrah kellu tnejn. Ikkonferma dan meta ra ritratti mmarkati bhala Dok. "EM 1" u "EM 2" (*a fol.* 911).

Illi, fis-seduta tat-2 ta' Novembru 2007, xehed ukoll **Robert Briffa** (*a fol.* 505 *et seq.*) fejn spjega li fl-ahhar ta' Mejju 2006 kien insteraq lilu Peugeot 106 abjad n-numru ta' registrazzjoni ta' liema ma jafux. Jghid li kien quddiem il-banka tal-lottu tal-Hamrun u l-*van* kien miftuh. Jghid li xtrah *second hand* ghal madwar Lm1600. Jghid li fil-*van* kellu hafna ghodda. Mistoqsi jaghti stima dwar dak li gie misruq lilu jghid li huwa difficli pero jghid li b'mod approssimattiv

bejn Lm1000 jew Lm1500. Jghid li rega' xtara l-affarijiet u nefaq madwar Lm1200. Jghid li wara li gie misruq il-*van* huwa ma rax il-*van*. Jghid li fl-10 ta' Frar 2007 l-iSpettur kien qallu li l-*van* kien instab. Jghid li ma sabx l-affarijiet li kien hemm gol-*van*. Jghid li t-*tow bar* ma kienitx hemm u li twahhlet *sticker* fuq il-*bonnet*. Jghid li *battery* ma kellux mieghu. Jixhed li ma jiftakarx x'*battery* kellu hu. Jghid li kellu jbiddel il-*locks* peress li cwievet ma kellux. Jghid li l-affarijiet li biddel ammontaw ghal Lm70 spejjez u li llum il-*van* ghandu n-numru ta' registrazzjoni XXX 469. Jghid li meta l-*van* insteraq kellu l-pjanci pero meta mar id-Depot ma kellux.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li meta nsteraq il-*van* kellu c-cwievet fih.

In <u>ri-ezami</u> jghid li lill-imputat ma jafu imkien.

Fl-Inkjesta Magisterjali[20], fis-16 ta' Frar 2007, jixhed li l-batterija tal-vettura minghalih li kienet hamra. Jghid li fil-vettura kien halla l-ghodda kollha, *security lights* u *camera, boards, recievers* u *remote controls* u l-*pda* tieghu. Jahseb li dawn l-oggetti jammontaw ghal madwar Lm2,000. Jghid li l-vettura kien xtraha s-sena ta' qabel li nsterqet ghal madwar Lm1,650.

Illi, fis-seduta tat-2 ta' Novembru 2007, xehed ukoll **Alfred Mansueto** (*a fol.* 536 *et seq.*) fejn qal li huwa jbiegh vetturi f'Hal Qormi. Jghid li lill-imputat jafu peress li joqghodu hdejn xulxin fil-Floriana. Jghid li fis-sajf 2006 kien ghamel negozju mieghu billi partatlu Mitsubishi Lancer u tieghu ha transit u *dinghy*. Jghid li n-numru tal-*van* ma jafux pero jghid li hu *blue*. Jghid li l-*van* dam ghandu madwar gimgha u mbaghad bieghu lil certu Clive Agius, *id-Dajdu*. Jghid li peress li t-tpartit kien sar mal-imputat, l-imputat kien qallu li l-*van* kien ghandu Luciano mill-belt Valletta li kien qallu li l-*logbook* kien mitluf. Jghid li hu (Mansueto) kien ta c-citazzjonijiet li kien ghaddielu l-imputat lil Clive biex ihallashom hu.

In <u>kontro-ezami</u> jikkonferma li l-imputat ma kellu x'jaqsam man-negozju li ghamel ma' Clive Agius.

[20] *A fol.* 74 *et seq.* tal-Inkjesta Magisterjali li tinsab *a fol.* 190A.

In kontro-ezami, li tkompla fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2012 (*a fol.* 918 *et seq.*), ikkonferma li kellu Ford Transit blu li kien partat mal-imputat ghal liema tpartit hu (Mansueto) kien ha Mitsubishi Lancer. Ikkonferma li l-Ford Transit kellu zewg batteriji. Meta gie muri ritratt Dok. "EM 1" (*a fol.* 911) wiegeb li kull ma ra hija batterija wahda. Jghid li hemm post fejn toqghod batterija ohra. Minkejja li qal ma jiftakarx li dan il-*van* kellu zewg batteriji, pero jghid: *"imma hu jidher li post ta' battery ohra hu"* (*a fol.* 919). Gharaf il-Ford Transit f'ritratti Dok. "EM 3" sa "EM 6" (*a fol.* 911). Ikkonferma li l-Mitsubishi kellha zewg batteriji wahda f'postha u ohra wara fejn il-bagoll. Ikkonferma li kien talabilu din il-batterija peress li ma kienitx tieghu (ta' Mansueto) u dana peress li hu (Mansueto) kien silef il-vettura lil Clive Agius u dan hallieha go fiha.

Illi, fis-seduta tat-8 ta' Frar 2008, xehed **PS 612 Theo Vella** (*a fol.* 569) fejn ipprezenta r-relazzjoni tieghu dwar ritratti ta' *Identification Parade* liema relazzjoni giet immarkata bhala Dok. "TV" (*a fol.* 571 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-8 ta' Frar 2008, xehed ukoll **PS 180 Fabian Aquilina** (*a fol.* 577 *et seq.*) fejn filwaqt li kkonferma li kien involut fi stqarrijiet rilaxxati mill-imputat, qal ukoll li ghamel xi *inquiries* go hanut f'San Gwann fuq xi batteriji ta' vetturi, specjalment fuq batterija tal-ghamla *Laser*, fejn inghad lilu li mhux dan il-hanut biss kien ibiegh dawn il-batteriji f'Malta.

Illi, fis-seduta tat-8 ta' Frar 2008, xehed ukoll **Mario Muscat** (*a fol.* 582 *et seq.*) fejn qal li kien ghamel rapport dwar il-fatt li l-vettura ta' bintu bin-numru ta' registrazzjoni DRN 182 kellha l-pjanci nieqsa. Jghid li r-rapport ghamlu hu peress li bintu kienet msiefra.

Fl-Inkjesta Magisterjali[21], fis-16 ta' Frar 2007, **Muscat** xehed fuq l-istess linji li huwa xehed quddiem il-Qorti. Jghid li l-pjanci swew b'kollox Lm28.00.

[21] *A fol.* 73 tal-Inkjesta Magisterjali li tinsab *a fol.* 190A.

Illi, fis-seduta tat-8 ta' Frar 2008, xehdet ukoll **Dorianne Gouder** (*a fol.* 585 *et seq.*) fejn bdiet billi qalet li vettura bin-numru ta' registrazzjoni DRN 182 hija taghha. Tghid li dan in-numru m'ghadux ghandha peress li meta kienet msiefra nsterqu. Tghid li kienet msiefra mid-29 ta' Dicembru 2006 sal-20 ta' Jannar 2007. Tghid li l-vettura kienet ipparkjata quddiem id-dar ta' missierha.

Illi, fis-seduta tat-8 ta' Frar 2008, xehed ukoll **Karl De Flavia** (*a fol.* 588 *et seq.*) fejn qal li huwa jaf lill-imputat peress li joqghod fejn l-gharusa tieghu. Jghid li kien talab lil Clive Agius biex iselliflu t-trakk bin-numru ta' registrazzjoni HAI 276 peress li kien qed jaghmel xi xoghol fuq bankini peress li dan huwa xoghlu. Jghid li kien ghamel uzu minnu f'Dicembru 2006 u dam juzah madwar jumejn. Jghid li hu minghalih li t-trakk kien ta' Clive Agius u qabel kien tal-*Pajju*. Jghid li meta ghamel uzu mit-trukk ma jafx x'numru kellu.

In kontro-ezami jghid li huwa ssellef *van transit* minn ghand Clive Agius u wara li uzah jumejn tah lura lil Clive. Jikkonferma li jaf li qabel kien tal-*Pajju*.

Illi, fis-seduta tat-8 ta' Frar 2008, xehdet ukoll **Dulcy Bianco** (*a fol.* 593 *et seq.*) fejn qalet li xogholha huwa dak ta' *Stock Control Manager* mal-*Classic Group*. Giet mistoqsija dwar is-sistema li tigi mhaddma sabiex jassiguraw li ma hemm xejn nieqes mill-hwienet. Spjegat x'ghamlet l-ghada tal-*hold-up* u wara li harget inventarju tal-hanut, bdiet taghmel *stock-take*.

**Dulcy Bianco** regghet hadet il-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-23 ta' April 2008 (*a fol.* 637 *et seq.*) fejn li tghid li c-*checkings* ma jieqafx mill-hwienet kollha.

Illi, fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2008, xehed **Carmelino Borg** (*a fol.* 616 *et seq.*) fejn beda billi spjega li huwa jbiegh *tyres* u batteriji minn hanut bl-isem ta' *Borg Tyre Services* li jinsab f'San Gwann. Meta gie muri ritratt li jinsab *a fol.* 165 tal-Inkjesta Magisterjali[22], wiegeb li huwa gie li biegh minn dawn il-batteriji. Jghid li jixtrihom mis-suq

[22] *A fol.* 190A.

Taljan. Jghid li kien ilu jimporta minnhom erba' jew hames snin u li kien ilu madwar sentejn jew sena u nofs li ma baqghax jimportahom pero jghid li kien fadallu xi *stock*.

Illi, fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2008, xehed ukoll **Carmelo Noe** (*a fol.* 619 *et seq.*) fejn qal li huwa importatur u distributur ta' batteriji ta' vetturi bl-isem ta' *Laser*, *Vantag* etc. Jghid li waqaf jimporta madwar sena qabel. Jghid li hadd aktar ma jimportahom dawn il-batteriji li tidher f'ritratt immarkat bhala Dok. "AC". Jghid: *"Each factory has a system just to identify not the number, a code of the battery but they identify just when they build and when they changed the battery. They are different. When the police called me in the quarters, I identified, not only for the Laser make but because they found on the top, on the right and on the left the date when they charged. So I am sure 100% that this is one battery imported from me and that I sold to Lino Borg because I am sure that I sold it to Lino Borg because these kind of batteries was just distributor only for the Laser battery. There was nobody else in Malta that sells Laser battery"* (*a fol.* 620). Jikkonferma li l-batteriji *Laser* kienu jinbieghu minn Lino Borg biss. Jghid li hemm zewg dati differenti: *"the first one when they build and the second one when they charge because they can build and leave it just in the store and after one month they charge and only when they charge the battery is active"* (*a fol.* 621).

In <u>kontro-ezami</u> jghid li m'ghandux dokumenti in sostenn ta' dak li qal. Ghad-domanda jekk ghandux dokument li juri li huwa biegh batterija bin-numri li ndika lil Borg, wiegeb: *"Sorry I have the document when I import and I sell because it is normal to have a document like importer is registered because and when I sell it is the same because I do not have in stock. So all the batteries that I imported, they are sold"* (*a fol.* 622). Jghid: *"on each battery you see you the referrment when they built and when they charged the battery"* (*a fol.* 623). Ghad-domanda: *"Now do you have any documents to show that you imported that battery which was built on that day and charged on another?"* (*a fol.* 623), wiegeb: *"No impossible"* (*a fol.* 623).

Illi, fis-seduta tat-23 ta' April 2008, xehdet **WPC 215 Valerie Farrugia** (*a fol.* 629 *et seq.*) fejn spjegat li fis-6 ta' Novembru 2006 certu Matthew Genovese kien mar jirraporta l-Ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun li l-vettura tieghu Peugeot Partner bajda bin-numru ta'

registrazzjoni CBL 527 kienet insterqet. Spjegat kif Genovese qalilha li giet misruqa din il-vettura u ezebiet r-rapport li gie mmarkat bhala Dok. "VF" (*a fol.* 631).

Illi, fis-seduta tat-23 ta' April 2008, xehed ukoll **PS 659 Jeffrey Hughes** (*a fol.* 634 *et seq.*) fejn ikkonferma r-relazzjoni tieghu li tinsab *a fol.* 94 *et seq.* tal-Inkjesta Magisterjali[23]. Spjega li f'paragrafu numru 3 ta' pagna numru 2 tar-rapport tieghi hemm imnizzel l-affarijiet li gew elevati mill-vettura Peugeot 106 bin-numru ta' registrazzjoni DRN 182 fost liema oggetti elevati sabiex jigu ezaminati ghall-impronti digitali kien hemm batterija li giet indikata lilu mill-iSpettur Joseph Mercieca. Jghid li din il-batterija kienet imqabbda bil-*wires* vicin il-magna fil-vettura stess. Jghid li din il-batterija tidher fir-ritratt *a fol.* 165 tal-Inkjesta Magisterjali[24]. Jghid li kien hu li qala' din il-batterija sabiex isiru l-ezamijiet necessarji.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' April 2008, xehed ukoll **Steve Fenech** (*a fol.* 643 *et seq.*) fejn beda billi qal li huwa direttur tal-kumpanija *Classic Group* u qal ukoll li fit-8 ta' Frar 2007 kien ircieva telefonata minn Karl Micallef, direttur iehor, li kien infurmah biex imorru fil-hanut taghhom li jinsab fil-*Luxe Pavilion* peress li kienet saret *hold-up*. Jghid li mar fuq il-post u spjega x'sab. Jghid li huwa jigi t-tifel tas-Sur Fenech *senior*.

Fl-Inkjesta Magisterjali[25], dak inhar stess tal-*hold-up*, **Steve Fenech** jghid li l-oggetti gol-hanut huma proprjeta' ta' *Classic Group* u li huma koperti b'polza ta' assigurazzjoni ma' *Fogg Insurance*.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' April 2008, xehed ukoll **Etienne Cini** (*a fol.* 647 *et seq.*) fejn qal li s-socjeta' *Classic Jewellers* huma klijenti taghhom peress li hu jahdem ma' *Probe Technologies Limited* liema socjeta' taghmel sistemi ta' sigurta'.

---

[23] *A fol.* 190A.
[24] *Ibid.*
[25] *A fol.* 64 tal-Inkjesta Magisterjali li tinsab *a fol.* 190A.

**Etienne Cini** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-8 ta' Awwissu 2008 (*a fol.* 668 *et seq.*) fejn qal li gie mitlub jaghti dettalji dwar s-sistema li kien hemm installata fil-hanut fejn sehhet is-serqa u fejn kienu s-*sensors*. Ezebixxa pjanta ta' fejn kienu s-*sensors* kollha u kif kienet ddisinjata s-sistema. Ezebixxa wkoll katalgu tal-prodotti kif kienu uzati fil-hanut *Diamonds International* fil-*Luxe Pavilion*. Il-pjanta giet ezebita u mmarkata bhala Dok. "EC" (*a fol.* 677) u l-katalgu bhala Dok. "EC 1" (*a fol.* 678).

In <u>kontro-ezami</u> mistoqsi dwar dik li tissejjah bhala *panic button* jghid li din kien izommha attivata' l-hin kollu. Jghid li ghandu mezz kif jaccessa s-sistema meta jrid u jiccekkja l-istat taghha. Jixhed pero li dakinhar qabel is-serqa ma kienx accessaha. Jghid li kien jigi sgurat li kull gimgha din il-buttuna tahdem sew.

Illi, fis-seduta tat-30 ta' Lulju 2008, xehed ukoll l-**eks Spettur Noel Cutajar** (*a fol.* 665 *et seq.*) fejn wara li gie muri sentenza mmarkata bhala Dok. "JM 7" (*a fol.* 49 *et seq.*) ikkonferma li huwa kien l-Ufficjal Prosekutur li ressaq il-Qorti lil Romeo Bone.

Illi, fis-seduta tad-19 ta' Dicembru 2008, xehed l-i**Spettur Ramon Cassar** (*a fol.* 706 *et seq.*) fejn qal li f'Dicembru 2006 acceda fuq il-post fejn kien hemm *van* suspettuz quddiem pompa tal-*petrol* fi Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana. Jghid li dan il-*van transit* bin-numru ta' registrazzjoni HAE 276 kellu wara miftuh u kien ipparkjat fuq bankina. Jghid li rrizultalu li l-*van* kien bih certu Clive Agius imlaqqam *id-Dajdu* u dana peress li skond hu kien inkarigat mill-Kunsill Lokali tal-Floriana sabiex jizbogh xi *railings* fl-inhawi. Jghid li jista' jkun li l-ittri tan-numru ta' registrazzjoni kienu HAI.

Illi, fis-seduta tad-19 ta' Frar 2009, xehed **Romeo [Ronnie] Galea** (*a fol.* 715 *et seq.*) fejn spjega li madwar sentejn qabel waqt li kien xoghol fil-hanut bl-isem ta' *Bristow Potteries*, liema hanut jinsab magenb fejn sar il-*hold-up*, u waqt li kien qed jipprepara biex jitlaq peress li fit-8.00pm jaghlaq, f'daqqa wahda tnejn lebsin ta' *security* dahlu mill-bieb tal-genb u mhux mill-bieb principali u qalu li kien ser isir *hold-up* u ntqal lilu biex jimteddu mal-art. Jghid li mieghu kien hemm martu fil-hanut. Jghid li wiehed miz-zewg persuni

dahal fil-hanut *Classic Jewellers* u l-iehor baqa' bir-*revolver* ippuntat lejhom madwar ghaxar piedi distanti u qalilhom biex ma jaghmlu l-ebda moviment. Jghid li l-persuna li baqa' barra kellu l-beritta fuq imniehru ezatt. Mistoqsi jghid jekk jaghrafx lil xi hadd, wiegeb fin-negattiv. Jghid li kien mwerwer peress li beda jhares lejn l-arma u mhux lejn il-persuna.

In kontro-ezami jispecifika li l-hanut li kien fih jinsab malli tidhol mill-bieb principali tal-kumpless *Luxe Pavilion*. Jghid li l-hanut tieghu u dak fejn saret il-*hold-up* jinsabu biswit xulxin. Jghid li dak il-persuna li qal *"hold-up"* baqa' barra il-hanut ta' *Diamonds International*. Jghid li hu (Galea) kien gol-hanut tieghu. Jghid li wiehed mill-persuni dahal jigri qisu sajjetta gol-hanut fejn sehh il-*hold-up* u l-iehor kien normali. Jghid li kien qisu hu (Galea) – mistoqsi kemm hu twil jghid li hu (Galea) twil 5'8 u li jilbes 52. Jixhed li z-zewg persuni hargu mill-bieb principali. Mistoqsi jghid jekk dawn iz-zewg persuni li kienu lebsin ta' *security* marrux go xi vettura wara li hargu mill-bieb principali, wiegeb li ma jafx.

Aktar tard fl-istess seduta gie moqri lilu dak li huwa xehed fl-Inkjesta Magisterjali[26] fejn qal li lilu jghajtulu Ronnie u kkonferma dak li qal. Jghid li dak il-persuna li qalilhom biex jimteddu mal-art kellu *writing pad* f'idu bhal *security* u beda juzah biex jghatti wiccu u dana gara huma u dehlin mhux meta hargu fil-bieb. Jghid li minn taht il-berritta kienet tidher balaklava imma din ma tnizzlitx.[27] Jghid li ra v*an abjad* qisu Peugeot mill-art pero ma jafx jekk kienx ta' dawn iz-zewg persuni. Jghid li gol-*van* ma ra lil hadd. Jghid li dan il-*van* kellu *sliding door* u li hu ma rahomx jidhlu. Jghid li sema twerzieq ta' *tyres*. Inqara lilu li qal hekk: *"Wiehed minnhom kien madwar 5'5 u xipli* (*a fol.* 744) u wiegeb: *"Li kien xipli all right imma t-tul, qisu jiena hekk"* (*a fol.* 744). Inqara lilu li qal hekk: *"L-iehor kien ftit aktar mimli u naqra iqsar"* (*a fol.* 744). Jghid: *"Ghax hareg jigri. Baqa' qisu jitbaxxa hekk u hareg jigri l-iehor"* (*a fol.* 744). Inqara lilu li

---

[26] *A fol.* 68 *et seq.* tal-Inkjesta Magisterjali li tinsab *a fol.* 190A.

[27] *A fol.* 68 tal-Inkjesta Magisterjali (*a fol.* 190A) dakinhar stess tal-*hold-up* qal: *"Dak il-hin kellu pad f'idu bhal security. Beda juzaha biex jghatti wiccu. Minn taht il-beritta nizzel balaklava. Dak il-hin hareg revolver li kien lewn il-fidda. Rajtu jidhol jigri gol-hanut. Rajt persuna tigri ghal gos-safe tal-hanut. Wiehed baqa' mal-bieb. Dak kien li kien kellimni. Dan baqa' jipponta l-arma lejja. Sadanittant l-iehor hareg bi borza bajda twila u t-tnejn telqu jigru".*

qal hekk: *"Min kellmina tkellem bil-Malti tajjeb bla accent. Il-vuci m'gharafthiex. Meta rajthom ma nafx id-dettalji taghhom. Deher li kellhom karnaggjon bajdanija"* u *"Ma tajtx kaz mustacci. Tattoos ma rajtx. Dehru security officers normali. Ilni hawn madwar sena u nofs. Jiena dan minn gewwa m'gharafthomx ma' xi wiehed li jiena kont diga rajt hawn hekk. Dan kollu lanqas dam hafna. Kienet all of sudden. Nghid li huwa u hiereg tefa' balaklava"* (*a fol.* 744-745). Mistoqsi liema, wiegeb: *"Il-qasir"* (*a fol.* 745). Jghid li dawn iz-zewg persuni hargu 'l barra minn gol-hanut. Mistoqsi jghid jekk ridtx izid jew ibiddel xi haga, wiegeb fin-negattiv.

Illi, fis-seduta tad-19 ta' Frar 2009, xehdet ukoll **Dorothy [Doris] Galea** (*a fol.* 727 *et seq.*) fejn spjegat li hija kienet prezenti meta sehh il-*hold-up* li sehh fil-*Luxe Pavilion*. Tghid li marret hdejn zewgha peress li kien ser jispicca mix-xoghol u f'daqqa u l-hin dahal persuna liebes ta' *security* minn gol-bieb tal-genb. Tghid li zewgha qalilha li kienu dahlu zewg persuni pero tispecifika li hi rat wiehed biss. Tghid li dak li rat hi baqa' fil-bieb bir-*revolver* go idu u qalilhom biex jinxtehtu mal-art u biex ma jiccaqalqux ghax kien jisparalhom. Tghid: *"u il-hin kollu bir-revolver fuqna imma la wiccu u lanqas xejn ma tara"* (*a fol.* 729). Tghid li dan il-persuna kellu beritta u kellu l-*file*. Tixhed li baqghet mal-art sakemm telqu l-barra. Wara li nqara lilha dak li ntqal minnha fl-Inkjesta Magisterjali, tghid li hija rat persuna wahda. Tispecifika li l-persuna li rat hi qaghad gol-bieb tal-hanut tad-deheb u ma dahalx fil-hanut. Tichad li hi rat xi borza bajda kif jirrizulta li qalet fl-Inkjesta Magisterjali. Tghid li dak li qaghad mal-bieb ta' barra kellu l-beritta f'rasu mnizzla, b'idejh wahda izomm il-*file* jghatti halqu u bl-id l-ohra kien qed izomm l-arma.

In <u>kontro-ezami</u> tghid li hi rat persuna diehel jigri liema persuna baqa' barra l-bieb tal-hanut tad-deheb. Tghid li dan ma kienx twil hafna u tghid li kien qisu xi ftit itwal minnha. Mistoqsija tghid kemm hi twila tghid li hi twila 5'4. Tghid li kellu l-mustacci u li hasbet li kien wiehed mis-*security* peress li kien libes ta' *security* u peress li kien jixbah wiehed li jahdem bhala *security*. Tghid li lil dan il-persuna ratu hiereg miexi b'lura u li hu hareg mill-bieb principali. Tghid li lilu biss rat hiereg. Tixhed: *"ghax imbaghad libes xi haga*

*sewda qisha netting go wiccu"* (*a fol.* 736). Tghid li huma kienu mimdudin mal-art u li ratu hiereg mill-bieb ta' barra.

In ri-ezami mistoqsija tghid kif rat il-mustacci tal-persuna li rat meta qalet li dan kellu *file* jghatti halqu wiegbet li qabel ghamel hekk setghet taralu l-mustacci. Tghid ukoll li f'hin minnhom semghet lehen xi hadd iehor jaghmel riferenza ghas-*safe*.

In kontro-ezami, li tkompla fis-seduta tat-28 ta' Gunju 2012 (*a fol.* 904 *et seq.*), tghid li lil dak li rat hi setghet taralu ghajnejh biss.

"Difiza: *[…] Issa ara sinjura inti kont il-Qorti u nstmajt tghid, ghidli jekk hux veru jew le, illi meta rajt lil dan is-sinjur, erga' hares lejh, inti ghidt: dak li rajt zgur mhux hu ghaliex m'ghandux l-istess statura, tikkonfermah dan?*

Xhud: *Nikkonfermah.*

Difiza: *Tikkonfermah. U nghid sew illi inti dan ghidtu l-Qorti hawn meta kont rajt lis-sur Bone?*

Xhud: *Le mhux lis-Sur Bone, meta kont qed nixhed hawnhekk.*

Difiza: *Meta kont qed tixhed…*

Qorti: *Din hemm l-Artikolu ta', jigifieri jien se niggudikha, jigifieri taf kif, m'hemmx disa' (9) gurati hawn. Mhux bilfors kien hawn l-imputat jekk gharfet lilu?*

Difiza: *Le Sur Magistrat din minn wara l-hgiega qed nghid jiena semghuha tghid hekk lis-Sinjura.*

Qorti: *Hekk ghidt Sinjura barra?*

Xhud: *Kien qieghed ikellimni xi hadd, nahseb ghandu jkun il-papa tieghu u ghidtlu: le, ma kontx naf li hu l-papa tieghu, ghidtlu: dan ir-ragel ma kienx zgur ghax li kien hemm barra qasir kien"* (*a fol.* 906).

Wara qalet li rat it-tieni wiehed hiereg u qalet li kellu qisha *net* u bil-borza li seraq f'idu. Tghid li bhala tul it-tieni wiehed kien daqsha.

"Difiza: *Qisek inti, t-tieni wiehed kien qisu inti.*

Xhud: *Le mhux it-tieni wiehed, l-ewwel wiehed, l-iehor ma rajtux jiena ma l-art kont, ghax hareg jigri vrumm, kif tridni narah"* (*a fol.* 907).

Fl-Inkjesta Magisterjali[28], dak inhar stess tal-*hold-up*, **Doris Galea** tghid li mentri wiehed mill-persuni dahal fil-hanut ta' *Diamonds International*, l-iehor baqa' hdejhom u ppuntalhom arma.

**Ikkunsidrat**

Illi din il-kawza tikkoncerna *hold-up* li sar fit-8 ta' Frar 2007 fl-istabbiliment *Diamonds International* formanti parti minn dak li kien il-*Luxe Pavilion* f'San Giljan f'liema *hold-up* insterqu numru konsiderevoli ta' gojjelli u oggetti ohra, liema serqa kienet ikkwalifikata b'numru ta' kwalifiki. Apparti dan il-*hold-up*, il-kawza tikkoncerna wkoll, fost l-ohrajn, imputazzjonijiet ohra relatati u kif ukoll serq ta' vetturi u ta' pjanci ta' registrazzjoni, u ta' ricettazzjoni. L-imputat jinsab akkuzat ukoll li ghamel dikjarazzjoni falza u wettaq falsifikazzjoni u li huwa recidiv *ai termini* ta' Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Qorti tinnota li in segwitu tal-*hold-up* fid-*Diamonds International*, infethet Inkjesta Magisterjali, liema Inkjesta nghalqet wara talba sabiex tinghalaq *stante* li kien gie mressaq l-imputat fil-kawza odjerna.

**Ikkunsidrat**
**Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Inkjesta Magisterjali**

Illi l-Qorti tinnota li fil-Process Verbal bin-Numru 520/07 il-Magistrat Inkwirenti kkonkludiet is-segwenti:

> "Il-Magistrat Inkwirenti, wara li rat il-konkluzjonijiet tal-esperti minnha mahtura, b'mod partikolari r-relazzjoni tal-espert Joseph Mallia, jidhirlha li jistghu jttiehdu proceduri kriminali kontra Romeo Bone (detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 195376(M)), in konnessjoni mal-*hold-up*, li sar fit-8 ta' Frar 2007, mill-hanut *Diamonds International*, San Giljan".[29]

---

[28] *A fol.* 70 tal-Inkjesta Magisterjali li tinsab *a fol.* 190A.
[29] *A fol.* 11 tal-Inkjesta Magisterjali li tinsab *a fol.* 190A.

Illi l-Qorti hija tal-fehma li ghandha ssir riferenza ghall-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Jason Calleja** moghtija fit-3 ta' Lulju 1997 fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "[I]l-Magistrat Inkwirenti hu fdat lilu l-inkariku li fil-kazijiet previsti mill-istess Titolu, jinvestiga r-reat jew il-fatt rapportat lilu u/jew izomm l-access li l-ligi tipprevedi u fl-ahharnett jirredigi *procès verbal* li l-ligi stess tirregola u tattribwilu valur probatorju. Dan kollu jifforma parti integrali mill-process generali tar-ricerka tal-verita' u jikkonsisti principalment fil-gbir u preservazzjoni ta' dawk il-provi kollha, diretti u indiretti, li l-Magistrat Inkwirenti jirnexxilu jidentifika bhala pertinenti ghall-grajja jew reat li jkun qed jinvestiga. Bhala tali, u kuntrarjament ghal dak li jigri f'certi sistemi kontinentali, il-Magistrat Inkwirenti mhux parti mill-Pulizija u wisq anqas, mill-Prosekuzzjoni; anzi jidher li fis-sistema taghna huwa previst biex f'numru ta' kazijiet serji li l-ligi stess tispecifika, l-investigazzjoni ma ssirx biss, u l-provi ma jingabrux u ma jigux preservati biss mill-Pulizija, izda ukoll, anzi essenzjalment, minn persuni indipendenti mill-poter esklussiv tal-iStat u li jiggarantixxu li r-ricerka tal-verita' ma tkunx inkwinata minn xi interessi hlief dak suprem li kollox isir skond il-haqq u l-gustizzja. […]
>
> S'intendi, certi decizjonijiet il-Magistrat Inkwirenti bil-fors johodhom, anzi, jista' jigi affermat li minghajr l-ezercizzju ta' din il-funzjoni, l-ufficju tieghu, f'diversi kazijiet jisfa' bla sens. Hekk, per ezempju, f'kazijiet ta' mewt rapportati lilu, huwa ghandu jindaga c-cirkostanzi li wasslu ghal dik il-mewt u jistabbilixxi hiex aktarx jew certament wahda accidentali u indipendenti minn kull htija doluza jew kolpuza ta' terzi jew inkella hiex proprju r-rizultat ta' tali komportament ta' terzi. L-istess jinghad ghal kazijiet fejn jigu rapportati lilu eventi li *prima facie* ikunu jipprezentaw sembjanzi ta' reat. Hi certament l-funzjoni tal-Magistrat Inkwirenti li jinvestiga, *okkorrendo* permezz ta' esperti, c-cirkostanzi kollha tal-kaz u jipprova jasal ghal konkluzjoni

> dwar jekk verament sarx reat u jekk hemmx provi tali li jippuntaw lejn xi hadd partikolari li jista' jigi nvestigat ulterjorment jew addirittura akkuzat. Certament m'hix il-funzjoni tal-Magistrat Inkwirenti li jiddeciedi li ghar-reat investigat minnu huwa certament jew probabbilment responsabbli xi hadd partikolari, ghax kif inghad huwa ma jagixxi *qua* Qorti, la ta' Istruttorja u inqas ta' Gudikatura. Izda hija certament il-funzjoni tieghu li jiddeciedi l-ewwel hemmx provi sufficjenti li verament sar reat u t-tieni jekk a bazi tal-provi – indipendentement mill-apprezzament taghhom – hemmx bizzejjed biex jinghad li xi hadd partikolari jista' possibilment ikun passibbli ghal proceduri kriminali. Dan mhux biss jikkostitwixxi funzjoni tal-Magistrat Inkwirenti, izda, fil-fehma ta' din il-Qorti huwa addirittura dover tieghu. Jigi ripetut li l-istitut tal-Magistrat Inkwirenti evidentement inholoq biex kemm hu possibbli certi ndagnijiet li jistghu jwasslu jew ghal kxif ta' reati u/jew ta' persuni responsabbli ghalihom, jew li jistghu ikunu necessarji f'certi eventi serji, dawn isiru bl-ikbar serjeta' u l-fuq mis-suspetti jew l-influwenza diretta jew indiretta tal-poter esekuttiv tal-iStat".

Illi, tenut kont ta' dan, hija din il-Qorti **<u>BISS</u>** li ghandha tiddeciedi jekk l-imputat huwiex hati jew le tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tieghu u dana minkejja dak li gie konkluz fl-Inkjesta Magisterjali.

**Ikkunsidrat**
**Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta**

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjoni dedotta ghandha tigi pruvata *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li "*dubju jkun dak <u>dettat</u> mir-raguni*".

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat <u>mir-raguni</u> u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi <u>kollha</u>, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*".

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Illi din il-Qorti taghmel ukoll riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta Gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti u cioé jistghu jigru zewg affarijiet u cioé jew il-Gudikant ikun tal-

fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ppruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timpronta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provvediment iehor.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja. Fil-kawza **Pulizija vs. Joseph Thorn** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet *"... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx"* (ara wkoll **Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino** 19 t' Ottubru 2006)."
>
> (Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Mohammed Mansur Ali** (deciza fl-24 ta' Jannar 2013), **Il-Pulizija vs. Mario Pace** (deciza fis-6 ta' Frar 2013) u **Il-Pulizija vs. Hubert Gatt** (deciza fil-11 ta' Lulju 2013).

Illi l-Qorti tinnota li fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Pace** deciza fil-31 ta' Ottubru 2013, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet is-segwenti:

> "Ma hemm xejn hazin illi l-Qorti tistrih fuq xhud wiehed biss kif *del resto* hija ntitolata li taghmel permezz tal-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artikolu jghid illi

> xhud wiehed jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhud tkun trid tigi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida moghtija mill-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9".

**Ikkunsidrat**
**Konsiderazzjonijiet Legali fir-Rigward ta' Provi Cirkostanzjali**

Illi l-Qorti tinnota li, apparti l-kwistjoni ta' jekk l-imputat giex identifikat jew le li kien wiehed mill-persuni li kkommetta l-*hold-up* dakinhar tat-8 ta' Frar 2007, din il-kawza hija bbazzata fuq provi cirkostanzjali.

Illi l-Qorti ser taghmel riferenza ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Abdellah Berrad et** deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-19 ta' Mejju 2014 fejn inghad is-segwenti:

> "Huwa minnu wkoll kif rapportat aktar 'l fuq li fl-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9 ix-xiehda ta' xhud wiehed biss, jekk emnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Ghalhekk jispetta lill-Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u vero simili fic-cirkostanzi u dan a bazi tal-possibilita'. Huwa veru wkoll li l-Qorti ghandha tqis provi cirkostanzjali jew indizzjarji sabiex tara jekk hemmx irbit bejn l-imputat u l-allegat reat. Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm huwa veru li fil-kamp penali l-provi ndizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti, pero' hu veru wkoll li provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex il-Gudikant jaccerta ruhu li huma univoci.
>
> Fil-fatt il-Qorti hawnhekk taghmel riferenza ghall-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-hmistax (15) ta' Gunju, 1998 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Lee**

**Borg**, fejn kien gie ritenut li provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioé mhux ambigwi. Ghandhom ikunu ndizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu l-hati u l-provi li jigu mressqa, ikunu kompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu. Illi ghalhekk huwa mportanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih u ghalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista' torbot lill-imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu. Fil-fatt kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Mejju, 1961 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil**: *"Il-prova ndizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova tal-volta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika"*.

Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi ndizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci.

**Archbold** fil-ktieb tieghu **Criminal Practice** (1997 Edition Para 10-3) b'riferenza ghal dak li qal **Lord Normand** fil-kaz **Teper vs. R** (1952) jghid:

*"Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another [...]. It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference"*.

Illi din hija ezattament il-posizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt giet konfermata b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-disgha ta' Jannar, 1998 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Seisun**.

Din il-Qorti thoss u tghid li provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf, b'sensiela ta' ghoqiedi li jaqblu ma' xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni.

Il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet ta' kif sehhet il-grajja [...]

Ghalhekk m'hemmx dubju li l-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet dijametrikament opposti ghal xulxin ghalkemm inghad sa minn dan l-istadju bikri tas-sentenza jidher li l-imputati li gew investigati *a tempo vegine* tal-investigazzjoni baqghu konsistenti fil-verzjoni tal-fatti taghhom sa meta xehdu l-Qorti *viva voce* minn jeddhom hames snin wara l-incident.

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u dan billi bhala Gudikant il-Qorti ghandha tqies l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hiex kostanti u ta' fatturi ohra tax-xhieda tieghu u jekk ix-xhieda hiex imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u dan *ai termini* tal-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. […]

Huwa minnu, kif gie allegat mid-difiza, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konflingenti ghandha tillibera, *stante* li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat, pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker**:

> *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Illi l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni dak kollu li nghad hawn fuq meta taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat.

**Ikkunsidrat**

Illi fis-sottomissjonijiet finali taghha (*a fol.* 945 *et seq.*), il-Prosekuzzjoni tishaq li l-izblokk li kellha f'dan il-kaz il-Pulizija u li sussegwentement waslet biex tressaq lill-imputat mixli f'dan il-kaz kien *fingerprint* li nstab fuq il-batterija ta' vettura Peugeot illi thalliet issakkar vettura tal-Pulizija quddiem l-Ghassa ta' San Giljan, liema vettura, li kienet misruqa, kellna n-numri ta' registrazzjoni foloz. Il-Prosekuzzjoni tishaq ukoll li kemm Irina Zarb u kif ukoll Mario Briffa identifikaw lill-imputat bhala wiehed miz-zewg persuni li kienu dahlu fl-istabbiliment *Diamonds International* fejn sehh il-*hold-up*. Il-Prosekuzzjoni ssemmi wkoll kif vettura bin-numru ta' registrazzjoni CBL 527, li kienet l-istess vettura li ntuzat bhala *get-away car* minn fuq ix-xena tar-reat, instabet fis-Swieqi.

Illi, *da parte* taghha, id-difiza, fis-sottomissjonijiet finali taghha (*a fol.* 946 *et seq.* u *a fol.* 991 *et seq.*), ssostni, fost l-ohrajn, li l-imputat dejjem cahad l-involviment tieghu fir-rigward ta' dak li huwa akkuzat bih u tispjega ghala l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat ma gewx pruvati.

Illi l-Qorti ser issa tghaddi biex taghmel konsiderazzjonijiet rigward jekk hija hijiex sodisfatta li l-imputat giex sodisfacentement identifikat jew le minn min ra l-*hold-up*. Dan huwa importanti hafna li jsir. Il-Qorti tinnota li kienu hamsa l-persuni li kienu prezenti jew li raw il-*hold-up* isehh. Dawn kienu: (a) iz-zewg impjegati fil-hanut fejn sehh il-*hold-up*, cioé Irina Zarb u Dolores [Doreen] Zammit, (b) Mario Briffa li kien qed isuq ix-xarbank, u kif

ukoll (c) Romeo [Ronnie] u Dorothy [Doris] konjugi Galea li kienu fil-hanut *Bristow Properties* li jinsab vicin il-hanut fejn sehh il-*hold-up*. Ix-xhieda l-ohra li xehdu f'dawn il-proceduri jew waslu fuq il-post tal-*hold-up* wara li dan kien sehh u wara li l-hallelin telqu minn fuq il-post jew inkella xehdu fuq affarijiet ohra.

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Massimo Caruso**, deciza fis-17 ta' Marzu 2008 fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Dwar il-process ta' identifikazzjoni, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fil-kawza **Il-Pulizija vs. Stephen Zammit** deciza fil-15 ta' Lulju 1998 (Vol. LXXXII.iv.235) qalet li:
>
> "Il-ligi taghna hi partikolarment skarsa dwar regoli li ghandhom x'jaqsmu ma' l-identifikazzjoni ta' imputat jew akkuzat. Infatti, l-unika disposizzjoni tal-ligi in materja – l-Artikolu 648 tal-Kodici Kriminali - hi redatta fin-negattiv, fis-sens li tghid **x'mhux mehtieg** u mhux **x'inhu mehtieg"**. Dik id-disposizzjoni tipprovdi testwalment hekk:
>
> "Biex issir il-prova ta' l-identita` ta' persuna li ghandha tigi maghrufa jew ta' oggett li ghandu jingieb bhala prova, mhux mehtieg, bhala regola, li x-xhud jaghraf dik il-persuna minn fost persuni ohra, jew dak l-oggett minn qalb ohrajn bhalu, hlief meta l-Qorti, f'xi kaz partikulari, ikun jidhrilha xieraq taghmel dan ghall-finijiet tal-gustizzja".
>
> Dik l-istess Qorti ezaminat fid-dettal din il-kwistjoni, u billi huwa rilevanti ghall-kaz odjern se jigi kkwotat *in extenso*. Hija fil-fatt qalet:
>
> "Minn din id-dispozizzjoni jidher car li l-legislatur ma riedx ixekkel lill-partijiet fil-kawza b'regoli rigidi ta' kif ghandha ssir l-identifikazzjoni ta' persuna jew oggett, izda halla fil-gudizzju prudenti tal-Qorti li tirregola ruhha skond il-kaz. Din id-dispozizzjoni, naturalment, tapplika

ghal identifikazzjoni f'Qorti; meta si tratta ta' identifikazzjoni li tkun saret barra mill-Qorti, bhal, per ezempju, fl-Ghassa tal-Pulizija, u li ghalhekk tkun ipprecediet l-identifikazzjoni fil-Qorti, il-ligi taghna ma tghid xejn. Dan ma jfissirx li ma hemmx regoli ta' prudenza dettati mill-bwon sens li ghandhom jigu osservati, specjalment f'dawk li jissejhu *identification parades*; dawn ir-regoli huma intizi fl-interess kemm tal-Prosekuzzjoni kif ukoll tad-difiza bl-iskop li l-identifikazzjoni ta' persuna bhala l-awtur ta' reat jew bhala l-persuna altrimenti involuta fih tkun attendibbli b'mod li l-Gudikant tal-fatt ikun jista' jserrah mohhu li ma hemmx zball f'dik l-identifikazzjoni. Fl-Ingilterra hafna minn dawn ir-regoli huma llum inkluzi fil-*Code of Practice D* taht il-*Police and Criminal Evidence Act, 1984*. S'intendi dawn ir-regoli mhumiex applikabbli ghal Malta, izda xi whud minnhom huma utili hafna ghax ighinu biex jizguraw dak li nghad aktar 'il fuq, u cioé l-attendibilita` ta' l-identifikazzjoni. Hekk, per ezempju, wahda minn dawn ir-regoli hi li meta jkun hemm aktar minn xhud wiehed u dawna jkunu ser jintwerew xi ritratti, *'only one witness shall be shown photographs at any one time'* (para. 2, Annexe D) u dan bl-iskop ovvju li xhud ma jkunx jista' jinfluwenza lix-xhud l-iehor. Ix-xhud ghandu jigi muri numru sostanzjali ta' ritratti, mhux semplicement wiehed jew tnejn, u *'he shall not be prompted or guided in any way but shall be left to make any selection without help'* (para. 4). Ir-ritratti hekk uzati, u specjalment dak li talvolta x-xhud ikun indika bhala li jirrapprezenta lill-persuna li qed jidentifika, ghandhom jigu ppreservati biex jekk ikun il-kaz, jigu esebiti fil-Qorti. Kwantu ghal *identification parades* dawn ir-regoli jipprovdu, fost hwejjeg ohra li:

*'The parade shall consist of at least eight persons (in addition to the suspect) who so far as possible resemble the suspect in age, height, general appearance and position in life …'* (para. 8, Annexe A, sottolinear ta' din il-Qorti);

Jerga' jigi ribadit li n-non-osservanza ta' dawn ir-regoli ma jwassalx ghall-inammissibilita` tal-prova ta' l-identifikazzjoni; ikun ifisser biss li, skond ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, dik l-identifikazzjoni tista' ma tkunx attendibbli bizzejjed. Lanqas ma ghandu dan kollu jfisser jew jigi interpretat bhala li hemm xi regola generali li xiehda okulari (*eye-witness testimony*) hija minnha nnifisha inattendibbli jew li fiha xi perikoli. Kif fisser Chief Justice Miles fis-*Supreme Court of the Australian Capital Territory* fil-kawza **Sharrett vs. Gill** (1993) 65 A Crim R. 44:

*'… I am unaware of any authority in this country or elsewhere … that lays down a general principle that all eye-witness testimony is subject to weaknesses and dangers. It would be surprising if there were such a principle. Of course, everybody knows that everybody else has human failings with regard to such matters as observation, interpretation, recollection and articulateness and such failings are assumed to be taken into account in most cases by the tribunal of fact unless there is some particular need for the fact-finder to refer to or to be referred to some aspect of the case where such failings are relevant. The highest judicial authorities emphasise that, in jury trials, cases of disputed identification require express and precise reference to these human failings … and this principle has been extended to trials without a jury. However, it is hard to imagine life where people are not able to act safely and sensibly upon their observations of what they see and hear, and even upon their identification of fellow human beings by such observations. The ability to distinguish one human being from another and to recognise a person as one previously encountered are surely basic skills indispensable to social existence, and skills well acquired at an early age. What the lawyers call identification is essentially no different from what is generally known as recognition';*

Fi kliem iehor huwa biss <u>f'certu kazijiet</u> li tista' verament tqum il-kwistjoni ta' l-attendibilita` ta' *identification evidence*. Il-kaz klassiku fl-Ingilterra huwa dak ta' **Turnbull** (1977) QB 224, fejn il-Qorti esprimiet ruhha hekk:

*'First, whenever the case against the accused depends wholly or substantially on the correctness of one or more identifications of the accused which the defence alleges to be mistaken, the judge should warn the jury of the special need for caution before convicting the accused in reliance on the correctness of the identification or identifications. In addition, he should instruct them as to the reason for the need for such a warning and should make some reference to the possibility that a mistaken witness can be a convincing one and that a number of such witnesses can all be mistaken. Provided that this is done in clear terms the judge need not use any particular form of words.*

*Secondly, the judge should direct the jury to examine closely the circumstances in which the identification by each witness came to be made. How long did the witness have the accused under observation? At what distance? In what light? Was the observation impeded in any way, as for example, by passing traffic or a press of people? Had the witness ever seen the accused before? How often? If only occasionally, had he any special reason for remembering the accused? How long elapsed between the original observation and the subsequent identification to the police? Was there any material discrepancy between the description of the accused given to the police by the witness when first seen by them and his actual appearance? …*

*Recognition may be more reliable than identification of a stranger; but even when the witness is purporting to recognise someone whom he knows, the jury should be reminded that mistakes in recognition of close relatives and friends are sometimes made.*

*All these matters go to the quality of the identification evidence. If the quality is good and remains good at the close of the accused's case, the danger of a mistaken identification is lessened; but the poorer the quality, the greater the danger'* (ara *Blackstone's Criminal Practice,* 1991, pagna 1991; *Archbold,* 1997, pagni 1255-1256)"".

Kif osservat ukoll din il-Qorti fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Giuseppe sive Joseph Cassar** moghtija fit-22 ta' Marzu 1988 (Vol. LXXII.v.868), "skond il-ligi taghna ghall-identifikazzjoni ta' l-akkuzat mhux necessarja *identification parade*". Hija qalet:

"Dan il-punt gie ttrattat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede inferjuri) *per* W. Harding fil-kawza '**Il-Pulizija vs. *Leading Steward* Victor Dalmas**' deciza fit-13 ta' Mejju 1961 (Vol. XLV.iv.963), fejn waqt li gie ribadit dak li ghadu kif inghad fuq dan l-artikolu dik il-Qorti qalet ukoll: 'Hu certament desiderabbli li l-identifikazzjoni ssir bla ma dak li jkun imsejjah biex jidentifika jigi b'xi mod, anki involontarjament, suggestjonat, u hi nota l-prattika rrakkommandata f'certi kazijiet, fis-sens li f'identifikazzjoni simili, meta jkun jehtieg, jingabru xi persuni, *piu` o meno* ta' l-istess eta` u klassi socjali tad-detenut, li jkun jista' jiehu post fejn irid fosthom';

M'hemmx dubju li kif qal Lord Parker CJ *in* ***R. vs Parks*** ((1961) I.W.L.R. 1484) *'cases of identification are difficult and can lead to a miscarriage of justice'* u certament din il-preokkupazzjoni urietha diga` din il-Qorti fis-sentenza taghha *in re* **Il-Maesta` Taghha r-Regina vs. Joseph Hallet** moghtija fit-22 ta' Marzu 1971 fejn inghad li 'certament, il-Qorti tirrikonoxxi r-riskji li ghalihom tista', in generali, tkun esposta l-prova ta' l-identifikazzjoni ta' persuna'. Din il-Qorti f'dak il-kaz li kien jinvolvi identifikazzjoni minn fuq ritratti murija mill-Pulizija, waqt li enfasizzat il-perikoli inerenti ziedet tghid li 'il-Qorti ma tahsibx illi, ghall-finijiet prattici tal-hajja u l-investigazzjoni ta' delitti, essenzjali ghall-ezistenza ordinata stess tas-socjeta`, dan jista' jigi evitat - basta s'intendi li jsir bil-prekawzjonijiet kollha possibbli biex jigu evitati *miscarriages of justice*'".

Illi jkun utili wkoll li l-Qorti taghmel riferenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Paul Michael Kavanagh** deciza fit-22 ta' Novembru 2012, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Filwaqt li din il-Qorti tifhem illi l-ewwel Qorti messha uzat kliem ahjar biex tiddeskrivi l-hsieb taghha, tapprezza ukoll illi l-ewwel Qorti forsi kellha xi diffikultà biex toqghod fuq l-identifikazzjoni illi taw il-persuni aggrediti biex torbot din l-identifikazzjoni mal-imputat. Huwa veru illi d-deskrizzjoni illi giet moghtija taqbel perfettament ma' dik tal-appellat u cioé illi l-agressur kellu karnagjon cara, xaghru kien ta' lewn car ukoll, ghajnejh cari, irqiq u twil. Dawn il-hames karatteritici japplikaw perfettament ghall-appellat, però mhux necessarjament ghalih biss, u zgur illi hemm nies ohra f'dawn il-Gzejjer illi jaqghu taht din id-deskrizzjoni, u din il-Qorti tifhem il-preokkupazzjoni tal-ewwel Qorti illi tasal biex tikkonkludi minghajr dubbju dettat mir-raguni illi dawn id-deskrizzjonijiet bilfors jirriflettu ghall-appellat u ghal hadd aktar. Ghalhekk bhala provi indizjarji ma jwasslux ghall-konkluzjoni wahda u kwindi ma tistax torbot fuqhom sabiex iwasslu ghal dak il-grad ta' prova rikjest mil-ligi.
>
> Ghalhekk din il-Qorti tifhem il-preokkupazzjoni li kellha l-ewwel Qorti meta giet biex tabbina lill-appellat mas-serqa proprja tal-hanut".

Illi, fir-rigward tal-kawza odjerna, il-Qorti, a skans ta' ripetizzjoni, mhijiex ser terga' taghmel riferenza kompluta ghal dak li l-hames persuni li saru riferenza ghalihom aktar il-fuq[30] xehdu f'dawn il-proceduri u dana *stante* li l-Qorti ghamlet riferenza vasta ghal dak li huma xehdu aktar il-fuq f'din is-sentenza. Mid-depozizzjonijiet ta' dawn il-hames persuni, kemm meta xehdu quddiem il-Qorti u kif ukoll meta xehdu fl-Inkjesta Magisterjali, ghajr ghal Mario Briffa, li ma xehedx fl-Inkjesta Magisterjali, jirrizulta li l-*hold-up* fl-istabbiliment *Diamonds International* sehh fi zmien qasir hafna. Apparti minn dan, il-Qorti tinnota wkoll is-segwenti:

- Meta Irina Zarb xehdet quddiem il-Qorti u hija giet mitluba tghid mill-Prosekuzzjoni jekk fl-awla kienitx qed tara lil xi hadd

[30] Irina Zarb, Dolores [Doreen] Zammit, Mario Briffa, Romeo [Ronnie] u Dorothy [Doris] konjugi Galea.

li rat dakinhar tas-serqa, hija indikat lill-imputat u mistoqsija tghid jekk hijiex f'pozizzjoni li taghmel konnessjoni ta' xi persuna mas-serqa, tghid li huwa difficli peress li hija rat lill-persuna bit-*tights*. Minkejja dan, hija zzid tghid li l-imputat ghandu l-*features* li jidhru fir-ritratt li ghazlet tal-persuna li kien qed jistenna fil-bieb. Fid-depozizzjoni taghha, Zarb tghid x'kienu l-*features* li gibdulha l-attenzjoni.

- Zarb ikkonfermat li l-ghada giet murija r-ritratti li jinsabu f'Dok. "JM 8" (*a fol.* 52) u kkonfermat li skond hi dak li jidher f'ritratt immarkat "57D" huwa l-persuna li skond hi kien qed jistenna hdejn il-bieb. Mid-depozizzjoni tal-iSpettur Mercieca (*a fol.* 344) dan kien l-imputat. Minkejja dan, il-Qorti tinnota li Zarb xehdet hekk quddiemha: *"When I looked at the photos, I informed the police that I cannot really pick up one person just because exactly I recognised him, it is because I see the resembled features that resembles me the most and that is how I remained with that photo because there are features that to me they resemble the most to the person I saw"* (*a fol.* 97).

- Fil-kontro-ezami taghha, Zarb ikkonfermat li miz-zewg persuni li dahlu fil-hanut, hija ma ratx wicc il-persuna li beda jiehu l-affarijiet mill-hanut, liema persuna kellu beritta, mentri tghid li hija rat lil dak li baqa' fil-bieb u li kellu *tights* ma' wiccu. Zarb tghid li minkejja li dan kellu t-*tights* ma' wiccu, hija xorta setghet tinnota l-*features* li semmiet fid-depozizzjoni taghha *stante* li t-*tights* ma kienitx issikkata. Minkejja dan, meta Zarb tat id-depozizzjoni taghha fl-Inkjesta Magisterjali hija qalet: *"The one with the tights seemed darker but he was wearing tights. He seemed to have a big nose but it was squashed with the tights"* (*a fol.* 67 tal-Inkjesta Magisterjali[31]). Apparti minn dan, il-Qorti tinnota li Zarb ikkonfermat li dak li jidher fir-ritratt li ghazlet jixbah lil dak li hija tghid li rat fil-hanut waqt il-*hold-up*.

- Dolores [Doreen] Zammit xehdet li hija rat biss lil dak li kien mal-bieb liema persuna kellu xi haga ma' wiccu. Ghad-

[31] *A fol.* 190A.

domanda jekk setghetx tassocja lil dan il-persuna ma' xi hadd, wiegbet fin-negattiv peress li ratu ghal ftit sekondi.

- Mario Briffa jispjega li kien wieqaf fix-xarabank tieghu u ra zewg persuni li skond hu kienu lebsin *boiler suit* blu, meta xhieda ohra xehdu li l-hallelin kienu lebsin uniformi blu skura tas-*security*! Meta Briffa gie mistoqsi mill-Qorti kif diversament preseduta jekk meta ra r-ritratti gharafx lil xi hadd, wiegeb: *"Le, dak il-hin m'gharaftx lil hadd"* (*a fol.* 891). Minkejja dan, fid-depozizzjoni tieghu, Briffa jikkonferma wkoll li meta gie muri xi ritratti ghazel lil dak li jidher f'ritratt *"bin-numru 57, D7 [a fol. 52]"* (*a fol.* 283), li huwa l-imputat! Ghad-domanda tal-Prosekuzzjoni jekk dak li ra fir-ritratt setghax jassocjah ma' xi hadd fl-awla, l-ewwel qal li ma jidhirlux imbaghad qal li kien qed jassocjah mal-imputat. Il-Qorti tinnota li Briffa xehed li z-zewg persuni li ra jigru rahom biss bi sbrixx. Jirrizulta wkoll li kien hemm vetturi ohra wieqfa quddiemu meta ra lil dawn iz-zewg persuni diehla fil-*van*.

- Fid-depozizzjoni tieghu, l-iSpettur Joseph Mercieca qal hekk: *"Sussegwentment kemm is-Sur Briffa kif ukoll Irina Zarb gew murija sensiela ta' ritratti, inkluz gew murija sett ta' disa' ritratti li jinsabu a fol. 52 tal-process bhala Dok. "JM 8" u dawn indikaw minn dawn id-disa' ritratti, indikaw lil Romeo Bone u ndikawh bhala l-persuna illi huma raw fuq ix-xena tad-delitt dak inhar tal-incident. Irina Zarb qaltilna illi dak li kien jidher fir-ritratt, kienet il-persuna illi qaghdet fil-bieb filwaqt li s-Sur Briffa, qalilna li l-persuna li kien hemm fir-ritratt kien wiehed miz-zewg persuni li huwa ra jigri lejn il-Peugeot Partner li kien hemm pparkjat quddiem ix-xarabank tieghu"* (*a fol.* 344).

- Meta Romeo [Ronnie] Galea gie mistoqsi jghid jekk jaghrafx lil xi hadd, wiegeb fin-negattiv.

- Da parte taghha, Dorothy [Doris] Galea xehdet li kien zewgha li qalilha li kien hemm zewg persuni nvoluti fil-*hold-up* u li hi rat lil wiehed biss. Hi kkonfermat li qabel dahlet tixhed qalet li l-imputat li rat ma kienx involut fil-*hold-up*.

- Mis-*CCTVs* u mir-ritratti taghhom li gew ezebiti l-imputat ma giex identifikat.

- Illi minkejja li kemm Zarb u kif ukoll Briffa ndikaw l-istess persuna meta huma raw ir-ritratti li huma mmarkati bhala Dok. "JM 8" (*a fol.* 52), pero l-Qorti tinnota li meta saru l-*Identification Parades*, li ghalihom kien hemm prezenti kemm Zarb u kif ukoll Briffa separatment, liema *Identification Parades* jirrizulta li saru skond il-ligi u fil-prezenza tal-Magistrat Inkwirenti, la Zarb u anqas Briffa ma identifikaw lill-imputat li kien wiehed fil-*line-ups* kreati.

  Fil-fatt, fl-*Identification Parade* li giet mizmuma fit-13 ta' Frar 2007 (*a fol.* 28 *et seq.*)[32], cioé hamest'ijiem wara l-*hold-up*, il-Magistrat Inkwirenti nnotat li giet kreat *line up ai fini* tal-possibilita' ta' identifikazzjoni konsistenti f'disa' minn nies, fejn wiehed minnhom, dak li kellu n-numru "4", kien l-imputat, u fejn Zarb ma gharfitx lill-imputat. Il-Magistrat Inkwirenti nnotat li ghal bidu Zarb kellha suspett b'dak li kellu n-numru "1" u wara li regghet fliet lill-persuni kollha dehrilha li dak bin-numru "5" kien jixbah lill-bniedem suspettat minhabba t-tul ta' persuntu. Il-Qorti tinnota li z-zewg persuni li ghazlet Zarb waqt l-*Identification Parade* huma ufficjali tal-Pulizija, cioé PS 914 Ivan Mifsud u PC 1303 Brian Micallef.

  Fl-*Identification Parade* l-ohra li kien prezenti ghaliha Briffa, liema *Identification Parade* wkoll nzammet fit-13 ta' Frar 2007 (*a fol.* 30 *et seq.*)[33], il-Magistrat Inkwirenti nnotat li l-imputat *ossia* suspettat kellu n-numru "4" u li Mario Briffa kellu suspett f'dak li kellu n-numru "3" u ndika li x'aktarx seta' kien il-bniedem li ghadda f'temp ta' sekonda minn quddiemu. Il-Qorti tinnota li l-persuna li ghazel Briffa waqt l-*Identification Parade* kien ufficjal tal-Pulizija, cioé PC 687 Brian Wood.

  Il-Qorti tinnota li fiz-zewg *Identification Parades*, fejn il-persuni maghzula ghal-*line ups* kienu l-istess nies u fejn Zarb u Briffa

---

32 Tal-Inkjesta Magisterjali li tinsab *a fol.* 190A.

33 *Ibid.*

ghazlu nies differenti li kienu jiffurmaw dawn il-*line-ups* u hadd minnhom ma identifika lill-imputat, il-Magistrat Inkwirenti nnutat li wara li rat il-*line up* tal-persuni hija kienet tal-fehma li l-persuni jidhru approssivament identifikati tajjeb mas-suspettat sija mit-tul, sija mill-karnaggjon u l-mod ta' l-ilbies.

Illi jkun opportun li, f'dan l-istadju, il-Qorti taghmel riferenza ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Ismail Abubaker Garba**, id-decizjoni ta' liema giet moghtija fis-17 ta' Ottubru 2013, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti:

*"The First Court however remarked that the fact that PC 720 stated that on the day after of the incident he went to have a look at 5 photos and recognised the accused, is not the proper procedure for identifying a suspect. This Court however does not agree with this conclusion, there are various ways where a person may be called to identify another person, either by looking at the person concerned through an ID Parade, looking at photos or else identifying accused during Court proceedings. This does not mean that the only sure method is the Identification Parade but the other methods are also accepted means of evidence which the Court normally accepts under the circumstances that they were given. The Identification Parade is not exclusionary but is just one of the methods normally adopted by the police; other methods can also be adopted and have been accepted by the Court. In this case we have the categorical evidence of PC 1478 and PC 720 who both recognised the accused as taking part in this incident and inflicting injuries, this recognition happened very soon after the incident and later in a Court of Law. This Court therefore feels that it should give weight to the identification of these two Police Officers as against the mere denial of the accused. This Court was in a position of examining the evidence tendered before the first Court and does not agree with the interpretation given by the first Court and neither by its conclusions which therefore merits a review and a revision of the judgement and Sentence concerned and therefore feels that the appeal of the Attorney General deserves to be upheld".*

Illi, fir-rigward tal-kawza odjerna, il-Qorti tibqa' kemmxejn perplessa kif la Zarb u anqas Briffa ma identifikawx lill-imputat fil-*line-ups* li gew kreati fl-*Identification Parades* imbaghad huma ghazlu lill-imputat fir-ritratti li gew murija. Filwaqt li Briffa ra biss liz-zewg persuni jigru u rahom bi sbrixx f'distanza partikolari f'hin meta kien diga dalam, Zarb pjuttost kienet ferm aktar vicin u setghet tinnota ahjar lil dawk li kienu qed iwettqu l-*hold-up*. Minkejja li nghataw diversi deskrizzjonijiet tat-tul, tal-binja, u tax-xaghar ta' dawk li setgha kellhom involviment fis-serqa, ma jistghax jinghad li l-imputat gie identifikat minn Zarb u Briffa b'livell li l-Qorti thossha komda biha sabiex tasal ghall-konkluzjoni li effettivament l-imputat kien wiehed mill-persuni li kkommetta l-*hold-up* fl-istabbiliment *Diamonds International* dakinhar tat-8 ta' Frar 2007.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

Illi, tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq fir-rigward ta' nuqqas ta' identifikazzjoni tal-imputat, il-Qorti ser issa tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward tal-impronta li s-Sur Joseph Mallia identifika illi hija tal-imputat.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Borg et** deciza fil-15 ta' Gunju 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu uniovoci, cioé mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lil akkuzat mar-reat u li jwasslu, mehuda ilkoll flimkien, ghal konkluzzjoni li kien l-akkuzat u hadd aktar, <u>anzi l-akkuzat biss</u>, li kien il-hati u li l-provi li tressqu kienu inkompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu. Il-prova ta' *fingerprints* qeghda hemmhekk biex f'xi kazijiet issahhah provi ohra tal-Prosekuzzjoni u f'kazijiet fejn dik tkun l-unika prova".

Illi fid-decizjoni moghtija fis-27 ta' Mejju 1999 mill-Qorti tal-Magistrati fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Victor Gatt**, il-Qorti sostniet li l-kaz tal-Prosekuzzjoni jistrieh fuq il-fatt li nstabu l-

impronti digitali tal-imputat fuq flixkun tal-*whisky* misjub fil-fond fejn sehhet dik is-serqa. Illi fih innifsu ghalkemm dan hu ndizzju, huwa biss prova li l-imputat mess dak il-flixkun tal-*whisky* u xejn aktar.

Illi fis-sentenza moghtija 30 ta' Gunju 1998 fil-kawza fl-ismiijiet **Il-Pulizja vs. Emanuel Camilleri** gie deciz li:

> "f'dak il-kaz il-prova tal-*fingerprints* kien jinhtiegilha korroborazzjoni minn provi cirkostanzjali ohra. Pero' hemm kazijiet fejn il-prova tal-*fingerprints* wahedha tkun bizzejjed biex il-Qorti tkun moralment konvinta mill-htija tal-akkuza".

Fil-fatt fl-Ingilterra fil-kaz **R v. Castletan** (3 Cr App R - 74, CCA (*vide* Archbold 1997 para 14-97) gie deciz li:

> *"Identification of fingerprints by a person expert in such prints may be sufficient even where it is the only evidence of identification".*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-7 ta' Marzu 2002 inghad is-segwenti:

> "Il-ligi taghna ma tistabilix il-kriterji ta' numru ta' *"matching points"* jew *"points of comparison"* li ghandhom jinstabu fuq il-post tad-delitt jew xi repert iehor ma' dawk tal-persuna suspettata. Fil-prattika pero' il-Pulizija ghall-biex tmexxi l-investigazzjoni ulterjorment il-quddiem, tistrieh fuq 9 *points*. Izda qabel ma tmur il-Qorti tkun trid li jkollha mill-inqas 14 il-*"point of comparison"*".

Imbaghad, fil-kawza **Il-Pulizija vs. Noel Frendo** deciza fit-30 ta' Dicembru 2004, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "L-impronti digitali (u dawk palmari) huma forma ta' prova indizzjarja – *"circumstantial evidence"*" - li kif qal Lord Salmon fil-kaz **DPP v. Kilbourne** [1973] AC 729, p.

758 *"…works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities"*. Il-kwistjoni kollha hi mhux jekk l-impronta nstabitx f'post pubbliku jew f'post privat jew anqas pubbliku - il-kwistjoni kollha hi jekk, fid-dawl tac-cirkostanzi kollha, il-post fejn instabet l-impronta tikkonvincix lill-Gudikant lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li dik l-impronta saret mill-persuna li lilha tappartjeni fil-kors tal-kommissjoni minn dik l-istess persuna tar-reat li bih tkun akkuzata jew fil-kors ta' xi atti li jammontaw ghall-anqas ghal tentattiv ta' dak ir-reat".

Fil-kawza kwotata hawn fuq, il-Qorti qalet hekk ukoll:

"Wahedhom dawn l-impronti kienu tali li setghu, legalment u ragjonevolment, inisslu fil-Gudikant il-konvinciment morali li kienet il-persuna li lilha kienu jappartjenu l-istess impronti li kienet hekk spustathom, u dan evidentement bil-hsieb li jingarru flimkien ma' l-oggetti l-ohra li kienu effettivament ingarru. Fin-nuqqas ta' xi spjegazzjoni, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, ta' kif dawk l-impronti tal-appellant Frendo spiccaw fuq l-oggetti misjuba fil-kaxxa, l-ewwel Qorti ftit li xejn kellha triq ohra ghajr li ssib lill-appellant hati skond l-ewwel imputazzjoni".

Riferenza ghandha ssir ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Alfred Bugeja**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-22 ta' Novembru 2012. Il-Qorti qalet hekk:

"F'dan il-kaz l-impronta li qablet mas-saba' z-zghir ta' l-id ix-xellugija ta' l-appellat instabet fuq il-kument tat-tieqa tan-naha tal-lemin ta' l-ufficcju tal-Mid-Med. Din it-tieqa tinsab fuq in-naha ta' wara tal-Bank fejn, minn ezami tar-ritratti mehudin u esebiti minn PC 516 Alfio Borg (*a fol.* 37), jirrizulta li hemm passagg dejjaq – mhux, mela, post fejn hu mistenni li jikkongregaw in-nies. L-impronta nstabet proprju fuq il-kument tat-tieqa tal-lemin, dik it-tieqa (*sliding*) li tkissritilha l-hgiega biex setghet tinfetah u tigi

mbuttata lejn ix-xellug sabiex b'hekk il-halliel jew hallelin setghu jaqtghu l-hadid li kien hemm fuq in-naha ta' gewwa.

[...]

Dak li hu palezi hu li l-appellat ma ta l-ebda spjegazzjoni ragjonevoli ta' kif impronta ta' idu l-leminija thalliet proprju fuq it-tieqa sgassata ta' l-ufficcju tal-Mid-Med Bank fl-Universita` Tal-Qroqq".

Illi, fir-rigward tal-kaz odjern, il-Qorti tinnota li fir-rapport immarkat bhala Dok. "JH FS 070 212A" fl-Inkjesta Magisterjali[34], PS 659 Jeffrey Hughes jghid:

"Fuq il-batterija "Laser Power" dok 07 AEI JH 9 li kien fejn il-magna tal-vettura Peugeot 106 bin-numru tal-pjanca tar-registrazzjoni "DRN-182 gew zviluppati xi impronti digitali li gew ddokumentati bhala dok 07 AEI SG 1, 07 AEI SG 2 u 07 AEI SG 3".

Illi fir-rapport immarkat bhala Dok. "JM" fl-Inkjesta Magisterjali[35], is-Sur Joseph Mallia wasal, fost l-ohrajn, ghas-segwenti konkluzjoni:

"(e) Illi l-impronta dokument 07 AEI SG 1 taqbel u ghalhekk hija identika mal-marka tas-saba l-kbir ta' l-id il-leminija ta' Romeo Bone li joqghod numru 20, Triq Pietro Floriani, il-Furjana, numru tal-karta tal-identita' 195376(M), dokument JM 1".

Illi PS 419 Antoine Buttigieg xehed li wara li dakinhar tat-8 ta' Frar 2007 giet ricevuta telefonata rigward il-*hold-up* li kien sehh mill-hanut *Diamonds International*, hekk kif marru biex johorgu sabu l-vettura tas-servizz imblukkata minn vettura Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni DRN 182. Buttigieg ikompli jixhed li wara rrizulta li dan in-numru ma' kienx tal-imsemija vettura u li n-numru proprju

[34] Precizament *a fol.* 101 tal-Inkjesta Magisterjali li tinsab *a fol.* 190A.
[35] *A fol.* 252 tal-Inkjesta Magisterjali li tinsab *a fol.* 190A.

kien DAN 691 li kienet giet rapportata misruqa fl-Ghassa tal-Hamrun. Il-Qorti tinnota li l-impronta tal-imputat nstabet fuq il-batterija ta' din il-vettura. Il-Qorti tinnota wkoll li l-Ford Transit bin-numru ta' registrazzjoni HAI 276 instab b'numru falz *ossia* DAN 691 u li l-Ford Transit kien ghal xi zmien tal-imputat. Skond Mansueto dan il-Ford Transit kellu zewg batteriji. Jirrizulta li dan il-Ford Transit ma damx ghand Mansueto tant li wara xi jiem ghadda ghand Clive Agius li jikkonferma li l-Ford Transit li xtara minn ghand l-imputat kellu zewg batteriji.

Illi l-Qorti ghandha tistaqsi jekk il-prova tal-impronta misjuba fuq il-batterija hijiex sufficjenti sabiex tikkonkludi illi l-imputat ghandux jigi misjub hati tal-imputazzjonijiet kif dedotti. Il-Prosekuzzjoni, fis-sottomissjonijiet taghha, tghid hekk: *"l-kaz huwa bazikament ippernjat fuq din il-fingerprint, fingerprint li hija prova xjentifika nstabet gewwa karroza fuq il-battery u dawk ic-cirkostanzi ghandek shana, zjut ma setghetx kien ilha hemm zmien twil fic-cirkostanzi tal-vettura qed nghidu go komportament tal-magna ta' ventura"* (*a fol.* 981). Fis-sottomissjonijiet taghha, id-difiza tirribatti dan bil-qawwa kollha u tispjega x'inhuma r-ragunijiet ghal dan.

Illi l-Qorti tinnota li ebda impronta ohra tal-imputat, ghajr ghal dik imsemmija hawn fuq, ma nstabet imkien iehor. Ma nstabet ebda impronta ohra la fejn sehh il-*hold-up* u lanqas fuq il-vetturi l-ohra li jsiru riferenza ghalihom fl-atti processwali.

Illi, kif inghad aktar il-fuq, huwa principju rassodat illi l-provi fil-kamp kriminali jistghu ikunu kemm diretti kif ukoll indizjali, izda dawn ta' l-ahhar iridu ikunu univoci, iwasslu ghal konkluzjoni wahda u iridu ikunu sufficjenti tali biex inisslu konvinciment morali f'mohh il-Gudikant lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli mir-reita' ta' l-imputat. Fil-fatt, il-provi cirkostanzjali jistghu jitqiesu bhala prova ammissibbli jekk huma univoci u jwasslu ghall-konkluzjoni wahda[36].

Illi l-Qorti hija konxja tal-fatt li l-impronta ta' l-imputat fuq il-batterija ma jistgha jmeriha hadd. Minkejja dan, il-Qorti tinnota li

[36] **Il-Pulizija vs. Carmelo Calleja**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-7 ta'Mejju 2010.

fil-vettura *per se* ma nstab xejn. Ghandu jittiehed ukoll in konsiderazzjoni li l-vettura li kien hemm quddiem l-Ghassa ta' San Giljan, fil-batterija ta' liema nstabet il-*fingerprint*, ma kienitx il-vettura li harbu biha l-hallelin li kkommettew il-*hold-up* fl-istabbiliment *Luxe Pavilion.*

Illi l-impronta tal-imputat wahidha u tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq u ta' dak li jirrizulta mil-atti processwali ma jista' qatt iwassal lil dina l-Qorti ghal konvinciment morali illi l-imputat setgha kellu xi involviment f'dak li qed jigi akkuzat bih. Wiehed ma jridx jinsa' li batterija hija xi haga li facilment tista' tinqala' minn post u titpogga x'imkien iehor u li hi ma tinstabx f'post fiss. Huwa minnu li batterija tkun f'komportament ghal tal-apposta pero l-fatt jibqa' li hija haga mobbli! Dan il-fatt ghandu jittiehed in konsiderazzjoni flimkien mal-fatt li ma nstabu l-ebda oggetti uzati fil-kummissjoni tar-reati ghand l-imputat jew xi parti mir-*res furtiva* li tista' tindika l-involviment tieghu. L-imputat, min-naha tieghu, la jixhed f'dina il-kawza u inoltre fl-istqarrijiet rilaxxati minnu, liema stqarrijiet il-Qorti hija tenuta tiskarta *stante* li dawn gew mittiehda fi zmien meta persuna arrestata ma kellhiex dritt li tikkonsulta ruhha ma' avukat u dana in vista tal-gurisprudenza l-aktar ricenti, l-imputat jinnega l-involviment tieghu fil-kummissjoni tar-reati li dwarhom jinsab akkuzat.

Illi l-Qorti tista' tispekula dwar jekk l-imputat kellux xi involviment f'dak li huwa qed jigi akkuzat bih u dana *stante* s-sejba tal-*fingerprint* tieghu fuq il-batterija tal-vettura in kwistjoni, madanakollu dawn huma biss kongetturi u xejn ibbazat fuq provi konkreti fl-atti. B'hekk il-Qorti ma tisghtax tapplika dak li gie ritenut fil-kawza citata aktar qabel, cioé dik fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Alfred Bugeja** peress illi l-fatt tal-kawzi m'humiex l-istess.

**Ikkunsidrat**

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Formosa et** moghtija fil-15 ta' Jannar 2016, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet is-segwenti:

"Din il-Qorti ħasbet fit-tul dwar iċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-kaz kif jemerġu mill-provi inkluzi dawk li fuqhom straħet l-ewwel Qorti u din il-Qorti waslet għall-konkluzjoni li fuq dawk iċ-ċirkostanzi l-ewwel Qorti ma setgħetx raġionevolment tasal għall-konkluzjoni li waslet għaliha u ċioé li l-imputati appellanti huma ħatja mingħajr dubbju dettat mir-raġuni tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom. L-aktar 'il bogħod li wieħed jista' jasal fuq l-iskorta tal-provi prodotti huwa li dawn jiġġeneraw suspett raġonevoli li l-imputati ikkommettew l-għemil imputat lilhom mill-Prosekuzzjoni, izda prova sa dan il-grad ma hix bizzejjed sabiex jintlaħaq il-grad għoli ta' prova meħtieġ għas-sejbien ta' ħtija fil-qasam tad-dritt penali".

Illi, mehud dan kollu li nghad hawn fuq in konsiderazzjoni, jirrizulta li fil-kawza odjerna jezisti dubbju dettat mir-raguni dwar jekk l-imputat huwiex hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu. Illi l-provi li hemm fl-atti ma humiex sufficjenti ghal sejbien ta' htija, provi li fil-kamp penali iridu jindikaw lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni l-htija ta' l-imputat. Illi fil-verita fl-atti processwali ma hemm l-ebda prova ohra li turi illi l-imputat kien prezenti fuq ix-xena tar-reat tal-*hold-up* jew tal-imputazzjonijiet l-ohra li jinsab akkuzat bihom, u dana ghajr ghal dak li gie sollevat aktar il-fuq, cioé rigward in-nuqqas ta' identifikazzjoni tieghu fil-*hold-up* u l-impronta tieghu fuq il-batterija, liema impronta tista' tindika diversi ipotesijiet u mhux certezzi u li ma tista' qatt tkun prova univoka u ma tista' qatt twassal lil din il-Qorti ghal konkluzjoni wahda.

**Ikkunsidrat**

Illi, fir-rigward tat-tnax (12) u tat-tlettax (13) imputazzjoni, b'zieda ma' dak li nghad hawn fuq, il-Qorti taghmel riferenza ghad-decizjoni moghtija fl-4 ta' Gunju 2008 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Anton Vassallo**. It-tieni u t-tielet imputazzjonijiet fil-kawza msemmija kienu identici

ghat-tnax (12) u ghat-tlettax (13) imputazzjoni fil-kawza odjerna. Il-Qorti tal-Appell Kriminali kellha s-segwenti xi tghid:

> "Din il-Qorti ma tistax ma tosservax, pero` – ghalkemm m'hemmx aggravju dwaru izda jista' jinfluwixxi fuq il-piena u ghalhekk dan il-punt qed jitqajjem *ex officio* – illi proprjament l-appellant ma kellux jinstab hati dwar it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet. Ir-reat deskritt fl-Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 jikkontempla forma ta' falsita` ideologika filwaqt illi dak imsemmi fl-Artikolu 189 jikkontempla forma ta' falsita` materjali.
>
> Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Paul Galea** moghtija fis-17 ta' Ottubru 1997 din il-Qorti diversament presjeduta qalet hekk dwar id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku: "Id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li fil-kaz tal-falz materjali d-dokument jigi ffalsifikat fl-essenza materjali tieghu, fil-falz ideologiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u cioé fil-kontenut ideali tieghu (**Antolisei, F.**, ***Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale II*** (Giuffre`, Milano, 1986), p. 604). Fi kliem **Manzini** (*Trattato*, v. VI, n. 2296, p. 829) ikun hemm falsita` materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur reali tad-dokument jew meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu), mentri fil-falz ideologiku, ghalkemm id-dokument ikun genwin *"non é veridico, perché colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero"*.
>
> Ghall-finijiet tad-dottrina in tema ta' falsita' ikun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli ghal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni ta' fatti jew dikjarazzjoni ta' volontà (**Antolisei, F.**, *op. cit.*, p. 594). S'intendi, b'kitba wiehed ma jifhimx biss is-sinjali alfabetici, izda tinkludi dawk numerici, stenografici u anke kriptografici, basta li dik il-kitba tesprimi hsieb li jkun

> jiftiehem minn kulhadd jew minn certu numru ta' nies. Il-kitba f'dan is-sens tista' ssir kemm bl-id kif ukoll b'mezzi mekkanici, b'mezz indelibbli jew li jista' jithassar u fuq kwalsiasi mezz li jista' jiehu, imqar temporaneament, il-messagg – karta, parcmina, injam, gebel, hadid, plastik, etc."
>
> Fil-kaz in ezami, kwantu ghat-tieni imputazzjoni, l-appellant ma kien mitlub qatt jaghmel dikjarazzjoni, stqarrija jew jaghti taghrif f'dokument mahsub ghal awtorita' pubblika. Kwantu mbaghad it-tielet imputazzjoni, minn imkien ma jirrizulta illi n-*number plates* kienu ffalsifikati (ara wkoll fl-istess sens Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Elton George Spiteri**, 23 ta' Marzu 2007)".

In segwitu ta' dak li ntqal fis-sentenza kwotata u mill-assiem tal-provi prodotti f'dawn il-proceduri, ma jirrizultax li l-imputat ghandu b'xi mod jigi misjub hati tat-tnax (12) u tat-tlettax (13) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u dan peress li dawn iz-zewg imputazzjonijiet ma jirrizultawx.

**Ikkunsidrat**

Illi, tenut kont ta' dak kollu li nghad hawn fuq, l-ebda wahda mill-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat ma giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi liberat mill-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront tieghu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, ma ssibx lill-imputat Romeo Bone hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u b'hekk tilliberah minnhom.

---

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

---

**Ms. Alexia Attard**
**Deputat Registratur**